DAWL
GĦADD 389 • APRIL 2019 • ID-39 SENA

# FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



## "AGĦTU U JINGĦATALKOM...." (LQ. 6, 37)

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal - Fr Philip Cutajar OFMCap
"Għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil ibnu l-waħdieni..."

6 Storja u Reliġjon - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Id-Duluri tal-Belt

8 Spiritwalità Marjana - Ġorġ Borg
Il-Leġġenda tal-Midneb u d-Duluri

10 Poeżija - Fr Geoffrey G. Attard
Lill-Qaddej t'Alla Fra Baskal f'għeluq il-150 sena minn twelidu

11 Spiritwalità tar-Randan Imqaddes - Philip E. Said
il-Verità Storika - Fil-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu

13 Spiritwalità tar-Randan Imqaddes - Fr Charles Buttigieg
Il-parabbola tal-Iben il-Ħali

15 Pastorali tal-Familja - Mons. Dun Pawl Camilleri
Il-Ħlewwa u l-Umiltà fiż-Żwieġ

16 Poeżija - Fr Wistin Attard OFMCap
Waslet is-Siegħa

17 Spiritwalità Franġiskana - Traduzzjoni ta' Francesco Pio Attard
Patri Piju ta' Pietrelcina - il-Qaddis li ħabb il-Knisja

19 Aħwa li daħlu fil-ħajja ta' dejjem - Fr Philip Cutajar OFMCap
Ħuna Patri Pelaġju Bilocca jitwieled fis-sema pajjiżna

22 Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet - Fr Silvestru Bonavia OFMCap
Il-Papa Franġisku wara 6 snin b'ħarstu dejjem 'il quddiem

24 Storja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Ix-xena politika Maltija - Il-borma tibda tbaqbaq

26 Aħbarijiet tal-Provinċja - Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

30 Riċetti tal-Qaddisin - Fr Paul Bugeja
Spagetti bit-tewm u l-basal ta' Santa Maria Goretti

31 Kompetizzjoni - Fr Wistin Attard OFMCap





## Ħsieb tal-faċċata

**NGĦIXU L-MISTERU TAL-GĦID BILLI NĦADDNU L-VIRTÙ TAL-ĠENEROŻITÀ**

Dan hu li sejrin niċċelebraw matul il-Ġimgħa Mqaddsa bejn il-Ħadd 14 u l-Ħadd 21 ta' April. "Għax Alla hekk ħabb id-dinja...", kliem li juri wieħed mis-sisien tal-fidi tagħna bħala Nsara u dixxipli ta' Ġesù. Hawnhekk jidher il-kobor tal-ĠENEROŻITÀ TA' ALLA frott l-Imħabba bla qies tiegħu għalina l-bnedmin. IL-ĠENEROŻITÀ li ssir is-sejħa li Alla fi Kristu Ġesù u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu qed jagħmlilna bil-għan li fil-ħajja tagħna ta' kuljum INKUNU ĠENERUŻI. Il-ġenerożità ta' Alla ssir tagħna bil-għan li nsiru dejjem aktar nixbhuh. Aħna msejħin biex ngħixu l-milja tal-imħabba li tidher fil-ġenerożità.

## BORD EDITORJALI


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2019



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

# NIĊĊELEBRAW IL-MISTERU TAL-GĦID IL-KBIR

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



## "GĦAX ALLA HEKK ĦABB ID-DINJA LI TA LIL IBNU L-WAĦDIENI..." (ĠW. 3, 16)

Dan hu li sejrin niċċelebraw matul il-Ġimgħa Mqaddsa, bejn il-Ħadd 14 u l-Ħadd 21 ta' April. "Għax Alla hekk ħabb id-dinja..." huwa kliem li juri wieħed mis-sisien tal-fidi tagħna bħala Nsara u dixxipli ta' Ġesù. Hawnhekk jidher il-kobor tal-**ġenerożità ta' Alla**, frott l-imħabba bla qies tiegħu għalina l-bnedmin. Il-**ġenerożità** li ssir is-sejħa li Alla fi Kristu Ġesù u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu qed jagħmlilna, bil-għan li fil-ħajja tagħna ta' kuljum **inkunu ġenerużi**. Il-ġenerożità ta' Alla ssir tagħna bil-għan li nsiru dejjem aktar nixbhuh. Aħna msejħin biex ngħixu l-milja tal-imħabba li tidher fil-ġenerożità.

### X'INHI L-ĠENEROŻITÀ?

Nistgħu ngħidu li hija waħda mill-frott tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna, li b'mod mill-aktar loġiku toħroġ mill-imħabba, mill-ħniena, mit-tjieba u l-ħlewwa (Gal. 5, 22-23). Għalhekk hija attitudni tal-qalb. Hija valur prezzjuż kemm f'għajnejn Alla kif ukoll f'għajnejn il-bnedmin.

Il-bniedem ġeneruż ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-oħrajn dak li għandu: kemm dawk li huma **valuri spiritwali**, bħalma huma l-imħabba, is-solidarjetà, il-kompassjoni, l-empatija, it-tjubija u ħafna oħrajn, flimkien ma' dawk **naturali**, bħalma huma l-kapaċitajiet tiegħu, it-tagħlim, il-ħin, l-enerġija u diversi oħrajn. Meta l-bniedem jasal biex iwettaq dan il-valur fil-ħajja tiegħu, jagħmel esperjenza tal-valur tal-veru ferħ flimkien ma' paċi kbira, għax kif jgħidilna Luqa, l-awtur tal-ktieb tal-Atti tal-Appostli, *"min jagħti hu aktar ferħan minn min jirċievi"* (Atti 20, 35). Min hu ġeneruż ikun qed igawdi



wkoll mill-valur tant meħtieġ fil-ħajja tagħna, dak tal-**libertà interjuri**, għax meta l-bniedem hu miftuħ għall-oħrajn ma jibqax marbut miegħu nnifsu, imma jinża' minn kull egoiżmu. Ma jibqax medhi biss bid-dinja tiegħu imma jsir kapaċi li anke saħansitra jinsa lilu nnifsu biex iħobb, jaħseb u jgħin lill-oħrajn.




## MA'MIN U KIF GĦANDNA NKUNU ĠENERUŻI?

Il-Kelma ta' Alla kontinwament tpoġġi quddiemna din l-isfida tal-ġenerożità: ġenerożità li jeħtieġ li nħarsu lejha minn tliet aspetti differenti imma fl-istess waqt huma marbutin flimkien u jiddependu minn xulxin. Qed nirreferi għall-ġenerożità tagħna:

- ma' Alla
- magħna nfusna
- mal-oħrajn; mal-proxxmu kollu tagħna.

## MA' ALLA

*"Agħti lil Alla dak li hu ta' Alla,"* insista Ġesù ma' dawk li biex iġarrbuh ġew jistaqsuh jekk jaqbilx li għandhom iħallsu t-taxxi lil Ċesri. Inkunu ġenerużi ma' Alla billi nagħtuh dak li hu tiegħu. Nagħtuh kollox, għax kollox hu tiegħu u kollox minnu ġej. Nagħtuh dak li hu tiegħu billi nħobbuh fuq kollox u qabel kollox. Nagħtuh dak li hu tiegħu billi nħobbuh b'moħħna kollu, b'qalbna kollha, b'ruħna kollha u bil-ġisem kollu tagħna. Inkunu ġenerużi ma' Alla billi f'kull waqt inwettqu dejjem ir-rieda tiegħu, infittxu li nogħġbuh billi nħarsu l-kmandamenti tiegħu u naħarbu kull dnub. Nemmen li nkunu ġenerużi ma' Alla meta nimxu dik it-triq li twassalna sabiex insiru dejjem nixbhu lilu, aħna li aħna maħluqin fuq ix-xebh u l-immaġni tiegħu. Inkunu ġenerużi ma' Alla billi nsiru qaddisin hekk kif hu l-Qaddis fis-Smewwiet.

## MAGĦNA NFUSNA

Hawnhekk hemm bżonn ukoll inkunu edukati, sabiex mingħajr egoiżmu u 'l bogħod minn kull narċisiżmu, nitgħallmu naħsbu fina nfusna u nħobbu lilna nfusna billi nieħdu ħsieb dak kollu li jmiss mal-persuna tagħna. Aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb ta' saħħitna, tas-*self-esteem* tagħna, tat-talenti tagħna... ta' dak kollu li jagħmilna bnedmin. Kemm hawn min mhux kapaċi jasal għal dan, speċjalment dawk li huma maħkuma mill-vizzji tad-droga, ix-xorb alkoħoliku,





l-għażż, is-sewqan u l-ikel eċċessiv! Il-bniedem li ma jafx iħobb lilu nnifsu jasal biex ikisser lilu nnifsu. Il-bniedem li mhux kapaċi jħobb lilu nnifsu, kif qatt jista' jasal sabiex iħobb tassew lill-oħrajn?

## MAL-OĦRAJN

Jekk il-ġenerożità titlob li lil Alla nagħtuh imħabba sħiħa, daqshekk ieħor titlob li lill-proxxmu tagħna nħobbuh bħalma nixtiequ li hu jħobb lilna. Anzi dan mhuwiex il-mudell perfett, għax kif diġà għedna, aħna ħafna drabi lanqas nafu nħobbu lilna nfusna. Il-mudell perfett huwa li nħobbu lill-proxxmu tagħna u nkunu ġenerużi miegħu bl-istess mod kif Alla ħabb lilna *"meta bagħat lill-Iben waħdieni tiegħu sabiex min jemmen fija, isalva."* U l-Iben ġie. Ġie u m'għamilx ħaġa oħra ħlief li għallem l-imħabba, għex l-imħabba u b'ġenerożità kbira ta xhieda tal-imħabba tiegħu għallna billi ngħata għalina bil-mewt tiegħu fuq is-salib. Dak li qegħdin niċċelebraw matul il-Ġimgħa Mqaddsa. Nistgħu ngħidu li matul din l-akbar ġimgħa fl-istorja tal-umanità niltaqgħu mal-ġenerożità kbira ta' Alla magħna.

## NAĦARBU L-GĦEDEWWA TAL-ĠENEROŻITÀ

Huma numerużi l-għedewwa li jfixkluna milli nkunu ġenerużi. Fosthom ta' min isemmi l-konsumeriżmu sfrenat li qed inħalluh jaħkimna; meta nfittxu biss il-kumdità personali tagħna billi nilbsu x-xejra tal-indifferenza quddiem l-oħrajn – għax kilt jien, kiel kulħadd; komdu jien, komdu kulħadd; meta ninħakmu mill-egoiżmu msieħeb mill-egoċentriżmu, li jsawru fina dik l-attitudni negattiva ta' *'l-ewwel jien, imbagħad jien u jekk jibqa' xi ħaġa jien ukoll'.*

## NIĊĊELEBRAW IL-ĠENEROŻITÀ

Li niċċelebraw il-misteru tal-Għid il-Kbir ifisser li niċċelebraw mhux biss il-ġenerożità kbira ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù li bata, miet u qam mill-imwiet għall-imħabba tagħna, imma wkoll li din il-ġenerożità ta' Alla ssir il-ġenerożità tagħna.

Kif? Billi nkunu nistgħu mmutu għalina nfusna sabiex ngħinu lill-oħrajn. Inkunu dejjem bi tbissima fuq fommna. Inkunu lesti li nċedu anke l-gosti personali tagħna biex naraw lil ħaddieħor ferħan. Inkunu lesti li nitilfu l-argument sabiex nirbħu lill-persuna. Inkunu persuni responsabbli billi nwettqu dejjem id-dmirijiet tagħna bi mħabba kbira. Ma nieqfu qatt inħaddmu l-kwalitajiet tajba tagħna, il-kapaċitajiet u t-talenti li nippossiedu għall-ġid tal-oħrajn. Inkunu dejjem lesti li nħobbu u ngħinu lil kulħadd bla ebda distinzjoni ta' sess, orjentazzjoni sesswali, twemmin, kulur tal-ġilda, klassi soċjali, kulur politiku. Nuru kompassjoni ma' kulħadd, billi ma niqfux u ma negħjewx inħobbu, anke jekk insofru u nweġġgħu.

Niftakru li *"min iħenn għall-fqir ikun qed jislef lill-Mulej, u hu jroddhulu bi ħlas tajjeb" (Prov. 19, 17), u li "kull min jagħti mqar tazza ilma friska lil xi ħadd minn dawn iż-żgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu" (Mt. 10, 42). U Ġesù jgħidilna: "Agħtu u jingħatalkom" (Lq. 6, 37). "Kull wieħed għandu jagħti skont ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ." (2 Kor. 9, 7)*

**Il-Mulej jagħtikom is-sliem!** ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



# ID-DULURI TAL-BELT



Jum id-Duluri mhux jum ta' btala. Iżda l-Maltin minn dejjem żammew dan il-jum bħala wieħed speċjali. F'dan il-jum wieħed jitkellem fuq il-Madonna u saqajna jaħarquna biex immorru l-quddies u mmorru l-purċissjoni.

Fost l-aqwa purċissjonijiet tad-Duluri nsibu dik tal-Belt Valletta. Ħafna jinġabru mijiet ta' nies, mhux mill-Belt biss iżda minn Malta kollha. Dawn jinġabru fuq it-taraġ ta' Triq Sant'Ursola u malli toħroġ il-vara tad-Duluri mill-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu jibdew jimxu bil-mod il-mod, jgħidu r-rużarju. Xi wħud jimxu ħafjin, oħrajn ikunu bil-kalzetti u oħrajn joqogħdu għarkupptejhom ma' kull waqfa. Dawn in-nies ikunu qed iwettqu xi wegħda. Il-ħajja mimlija tbatija u mrar, u għalhekk meta l-bniedem ma jkunx jiflaħ aktar, idur lejn Omm is-Sinjur għall-għajnuna. Fiha jsib it-tama; fiha jsib il-mistrieħ.

Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Sant'Ursola u tgħaddi għal Triq il-Merkanti. Tkompli għal Triq San Pawl u wara għall-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu. Fiha jieħdu sehem l-ogħla awtoritajiet fejn tidħol il-Knisja. L-Arċisqof ta' Malta u n-Nunzju tal-Vatikan, kif ukoll l-Isqof Awżiljarju, ikunu preżenti biex jingħaqdu mal-poplu u jimxu tul il-purċissjoni kollha. Il-Belt tieqaf u tidħol f'ambjent ta' swied il-qalb. Il-ħwienet ikunu kważi vojta u l-ħajja tilgħaxija turi li anke hi qed taħseb fid-duluri ta' Marija Santissima.

## IL-VARA

L-attrazzjoni ewlenija ta' din il-purċissjoni hija l-vara tad-Duluri. Din il-vara għandha l-istorja tagħha. Għall-ewwel l-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss

ma kellhiex vara tad-Duluri. Konna nsibuha biss bħala figura fil-Vara l-Kbira. Fis-sena 1740 Saverio Laferla lesta din il-vara. Għamilha mill-kartapesta u ħallas għaliha Girolamo Grugno. Dan Grugno ħallas sew għall-vara u sew għall-bradella. Ħareġ is-somma ta' 119-il skud u disa' rbajja'. Bħala ringrazzjament l-arċikonfraternità riedet li dan Grugno jżomm għandu ċ-ċavetta tan-niċċa tagħha.



L-ewwel deskrizzjoni tal-vara tad-Duluri nsibuha fl-inventarju tas-sena 1773. Kellha salib kbir mingħajr figura ta' Kristu mejjet. Kien hemm ukoll sellum li kien jistrieħ mal-istess salib. Mal-figura tal-Madonna, li kienet bilqiegħda taħt is-salib, kien hemm ukoll il-figura ta' anġlu żgħir. F'idejn dan l-anġlu hemm kuruna tax-xewk u l-imsiemer. Is-sejf u l-istellarju ta' din il-vara huma tal-fidda u jissemmew fl-inventarju tas-sena 1798. Aktar tagħrif dwar il-kuruna, l-imsiemer u s-sejf insibuh fl-inventarju tas-seklu dsatax. Dan l-inventarju jsemmi li l-flus biex ġew ordnati dawn l-affarijiet kienu ġew mill-offerti li kienu għamlu n-nies ħalli jeħilsu mill-marda qerrieda tal-pesta tas-sena 1813.

## AFFARIJIET OĦRA

Il-bradella hija tal-ġewż u nħadmet fl-1850 minn Angelo Buttigieg. Swiet 23 skud u erba' rbajja'. Matul is-snin din sarilha ħafna xogħol ta' restawr. Fis-sena 1868 Antonio Fenech tħallas tnax-il skud u nofs għar-restawr ta' din il-bradella. Fis-sena 1939 is-sellum tal-vara nħadem mill-ġdid. Din id-darba sar mill-aħwa Bruno u qam lira.

Fis-sena 1952 Giuseppe Caruana minn Bormla bidlilha wiċċha. Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol, fost id-devoti u l-fratelli kien hemm il-biża' li dan it-tibdil ma kienx ser jirnexxi. Ix-xogħol kien suċċess u għalhekk fis-16 ta' Diċembru ta' dik is-sena l-fratellanza kitbitlu ittra ta' ringrazzjament u ferħitlu għax ġab il-vara 'sabiħa'. F'din is-sena saret tiswija fil-vara u ngħata banju tad-deheb. Tqiegħdu l-fosos fiċ-ċintorin, fis-sandli u fl-istellarju. Dan ix-xogħol sar mid-ditta ta' Francis Cassar, ditta minn Bormla.

## L-IMPORTANZA TAL-VARA

F'Malta u f'Għawdex insibu żewġ tipi ta' vari tad-Duluri. Hemm vari b'figura tal-Madonna weħidha. Dawn it-tip ta' vari nsibuhom fil-parroċċi Għawdxin. Il-vara tad-Duluri tal-Belt Valletta influwenzat it-teni tip ta' vari. Hawn vari bil-figura Marjana bilqiegħda u anġlu, u oħrajn bil-figura Marjana u l-figura ta' San Ġwann. F'Ħaż-Żebbuġ hemm Duluri li fiha hemm eċċezzjoni. Din fiha sew il-figura Marjana u anġlu kif ukoll il-figura ta' San Ġwann. L-aktar vara tad-Duluri li tixbah il-vara tal-Belt Valletta nsibuha f'Ħal Tarxien. Din il-vara, għalkemm saret wara t-Tieni Gwerra Dinjija u saret fl-Italja, hija kopja fidila ta' din il-vara. Tgħid it-Tarxiniżi kellhom f'moħħhom li ser jibdew jibnu l-kollezzjoni tas-sett ta' vari tal-passjoni? Tgħid kien hemm rabta bejn il-purċissjoni tal-Belt Valletta u xi Tarxiniżi? Aktar hemm il-possibilità li għal jum id-Duluri t-Tarxiniżi kienu jinżlu f'xi belt tal-Kottonera, l-aktar Bormla, sakemm kisbu vara huma.

Il-vara tad-Duluri tal-Belt hi vara li daħlet f'ħafna qlub Maltin. Min jaf kemm nies f'siegħa ta' dwejjaq ħarsu lejn Ommna tas-sema u talbu ħniena u għajnuna kif ukoll grazzji! Min jaf kemm santi ġew stampati ta' din il-vara. Min jaf kemm talb ingħad permezz ta' din il-vara! Vara li issa ġiet stabbilita bħala waħda miż-żewġ statwi tal-passjoni l-aktar popolari – l-oħra hija dik tar-Redentur tas-sett tal-Isla.

---

**Referenza:**

Aquilina Ġorġ, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*, TAU, 1986 ■

ĠORĠ BORG

# IL-LEĠĠENDA TAL-MIDNEB U D-DULURI

Barra mir-raħal sewwa,
kif tħalli l-aħħar djar,
lejn ix-xellug, mil liwja,
issib daqsxejn ta' għar.

Dan l-għar, jgħidu n-nies tagħna,
mudlam, dejjem mudlam,
u kull min jgħaddi fejnu
jiksaħ bħal biċċa rħam,

għax fih kien jgħammar bniedem
li ħajtu ta 'x-xitan,
bniedem li jbeżżgħek wiċċu...
qatt, qatt ma rawh ferħan.

Bniedem li ħajtu għadda
fil frugħa tad-dnubiet.
Bniedem li jaħlef, jidgħi;
fuqu s-seba' saħtiet!

Kull min kellu għax jgħaddi
minn ħdejn dak l-għar misħut
kien jgħatti wiċċu, iħaffef,
għax jibża' li se jmut.

Hekk baqgħet sejra dejjem
il-ġrajja ta' dak l-għar,
u lkoll baqgħu jitkexkxu
in-nies: il-kbar u ż-żgħar.

'Mma darba waħda, ħabta
tal-ewwel gwerra ż-żmien,
ġrat ġrajja ferm kurjuża
li hawn se ngħidha jien.

Isimgħu ftit x'kien ġara!
Bħal-lum kien ir-Randan,
in-nies issum, titgħakkes
u titlob talb ħerqan,

tiftakar fil-passjoni,
meta 'l Ġesù sallbuh
fuq l-għolja tal-Kalvarju,
għax ftit kienu jħobbuh.

Tiftakar fi dnubietha
li għamlet tul is-snin,
u wkoll titlob għal ħutha
l-imsejkna midinbin

Kien sewwasew il-Ġimgħa,
fil-festa tad-Duluri,
meta n-nies tagħna telqet
biex imħabbitha turi

lejn din il-Omm tas-Sema
illi bis-sħiħ sofriet
ma' Binha fil-passjoni
minħabba fid-dnubiet.

U n-nies imxiet bil-lajma
fil-purċissjoni twila
wara l-vara tar-raħal
b'passi meqjusa u tqila.

U talbet dik il-lejla
ma' Ommna tad-Dulur,
u ħasset diqa kbira
minn qiegħ il-qalb qed tfur.

U ħasbet — bi tnehida —
fuq dak il-midneb kbir
ta' tarf ir-raħal waħdu,
tad-dnub dejjem ilsir.

Imbagħad kompliet il-mixja
u billi l-ħin kien sar
wara l-barka fil-knisja
in-nies telqet id-dar.

'Mma f'dak il-ħin sew sewwa,
mingħajr ma nduna ħadd,
ġrat biċċa li fir-raħal
ma kont tistenna qatt.

Il-midneb mill-għar tiegħu
ħares 'il fuq fis-skiet
u lemaħ għadd ta' kwiekeb
iteptpu fis-smewwiet.

Mill-ewwel — bħal qatt qabel —
qalbu ġo sidru bkiet
u seħet ħajtu kollha
mgħoddija fid-dnubiet.

Imbagħad waħdu fid-dalma
niżel fuq irkupptejh
u stħajjel lill-Madonna
mis-sema tħares lejh.

U f'daqqa, bla jaf x'qabdu,
ħareġ mill-għar fil-ħin
u rħielha lejn il-knisja
għand l-Omm tal-Imnikktin.

U beda jaħseb f'qalbu:
tgħid trid li tkunlu omm
wara li kemm-il darba
każbarha b'dak il-fomm?

Tgħid għad jilħaq il-knisja
b'xi bieb tal-ġenb miftuħ,
minn fejn jidħol sa ġewwa
ħa jxerred dmugħ u dmugħ?

Min jaf? Dal-bniedem għaġġel,
u kemm raha twila t-triq
li tagħti għal ġor-raħal,
ħa jmur fejn kien jixtieq!

In-nies li kienet barra
u għarfet dak min kien
dlonk daħlet tiġri ġewwa
u sakkret il-bibien.

U baqa' għaddej il-midneb
sa wasal sew fil-qrib;
fuq iz-zuntier hu tela',
'mma x'ħasra kif isib

il-knisja ġa magħluqa!
Xtaq jidħol, iżda mnejn?
Il-bieb tan-nofs imsakkar,
tal-ġnub magħluqa t-tnejn.

Waqaf. Imbagħad mar jara
il-bieb tas-sagristija,
'mma sabu wkoll imsakkar
u qalbu bkiet bil-ħtija.

Kien messu wasal, ħaseb,
ftit qabel dak il-ħin,
u kien isib il-knisja
bi bwiebha miftuħin.

Iżd'issa x'kellu jagħmel?
Fit-triq ma kienx hemm ruħ!
Ma riedx li jerġa' lura;
ried jara jsibx xi ftuħ.

Kien għoddu qata' qalbu,
'mma mbagħad ħasibha ftit:
ikisser tieqa u jidħol
u jiġri mbagħad li jrid!

Hekk għamel. B'ħoss mill-inqas
tela' mal-ħajt bil-mod
u resaq lejn it-tieqa
u qalbu bdiet tirtogħod.

Bil-ponn imgħaqqad faqa'
il-ħġieġa li kien hemm,
bla xejn ma qies li idu
kienet imtliet bid-demm,

iżda bla biża' niżel
u daħal fil-korsija,
fejn kien għad hemm il-vara
ta' Ommna l-Imbikkija.

B'idu bid-demm iqattar
u jħoss l-uġigħ tal-qsim
niżel mal-art biex lilha
għall-ewwel darba jqim,

u qagħad fis-skiet u d-dalma
iġib is-snin mgħoddija
fil-ħażen ta' għemilu
u jaħseb. Hu kien ħtija

li dik il-Omm ħanina
ġarrbet duluri kbar,
għax hu weġġgħalha qalbha
u sqieha ħafna mrar.

U talab bl-akbar ħrara
il-maħfra għad-dnubiet...
xtaq jibda jħobb lil Binha
li mħabba fih kien miet.

U xtaq bis-sħiħ li l-għada
isib lill-kappillan
u jqerr ħtijietu kollha
u jinsa lix-xitan.

Imbagħad għajnejh tqalulu
u ħassu wisq għajjien,
u raqad fuq il-qiegħa
tal-art, sew sew fejn kien.

Filgħodu kmieni kmieni
bil-mod il-mod in-nies
bdiet tqum mir-rqad u taħseb
biex toħroġ għall-quddies.

U magħha minn tal-ewwel
kien qam il-kappillan,
'mma xħin wasal bħas-soltu
u ra lis-sagristan

iħares lejn it-tieqa
bil-ħġieġ tagħha miksur,
ħaseb ħażin u f'daqqa
ħass donnu rasu ddur.

"Xi nqala'? Għid, xi nqala'?
Għidli, xi jfisser dan?"
"Xi ħadd seraq mill-knisja!"
fis wieġbu s-sagristan.

Bla telf ta' żmien u b'għaqal
fetħu mis-sagristija
u resqu lejn it-tieqa
u lemħu fl-art Id-dmIJa.

Imbagħad marru fil-knisja
u resqu lejn l-artal,
jaraw it-tabernaklu
huwiex miksur, battal...

U ħadu nifs bil-qawwi
xħin raw li ma ntmess xejn...
'mma t-tnejn baqgħu jitħassbu:
X'kien ġara? U għalfejn?

U f'daqqa b'qatgħa kbira
lemaħ is-sagristan
lill-midneb fl-art, fil-knisja,
u wrieh lill-kappillan.

Resqu bil-qajla l-qajla
jaraw it-tnejn flimkien
u demmhom kesaħ fihom
xħin għarfu dak min kien.

Ħasbuhom qed joħolmu...
sew sew taħt id-Duluri
il-midneb ebda ħajja
fuq wiċċu ma kien juri.

Tbissima, iżda, kellu,
titnikker fuq xufftejh,
u dmugħ li ġelben jaħraq
ileqq taħt xfar għajnejh.

Kemm stagħġeb b'din il-ġrajja,
miskin, is-sagristan!
U bi tferfir ġo qalbu
hekk qal il kappillan:

"Din żgur xi grazzja kbira
li l-Omm tal-midinbin
tagħti waqtiet 'l uliedha
qabel tal-mewt il-ħin!

"Mur, isa, iftaħ beraħ
tal-knisja dal-bibien
u itla' doqq il-qniepen
mingħajr ma titlef żmien,

ħalli kulħadd jinduna
bil-grazzja ta' dal-lej',
meta dal-midneb niedem
ġie jmut għand il-Mulej!"

U n-nies, kif daħlet ġewwa
u l-midneb mejjet rat,
minn qalbha qabżet demgħa
u waqfet u ssummat,

għax qatt ma kien instema'
li ġrat biċċa bħal din,
sew sew fil-festa għażiża
tal-Omm tal-imnikktin.

Fil-jum, imbagħad,
li setgħu
jagħmlulu
l-funeral,ir-raħal
kollu ħareġ:
nisa u rġiel u tfal.

U wara, qabel
raqdu,
lill-midneb
sħiħ talbuh
biex bħalu
jmutu mewta
ta' ndiema
kollha
dmugħ. ■



Statwa tad-Duluri meqjuma fil-parroċċa ta' Fleur-de-Lys

FR GEOFFREY G. ATTARD



# LILL-QADDEJ T'ALLA FRA BASKAL F'GĦELUQ IL-150 SENA MINN TWELIDU



Minn ġol-ġmiel tar-raħal ħelu
taż-Żebbuġ tal-gżira Għawdxija
Alla l-Għoli għalih sejjaħ
ruħ qaddisa u mħejjija.

Ried għalih lit-twajjeb Salvu,
minn familja Żebbuġija,
biex qrib tiegħu aktar jimxi
u jgħix ħajtu fil-qdusija.

Ta' Franġisku, il-fqir t'Assisi,
iben sar; mal-patrijiet
daħal – ajk mal-Kapuċċini –
t'Alla r-rieda jwettaq ried.

Kollu żelu, mimli mħabba
lejn Ġesù u l-fqajrin tiegħu,
xejn ma qies il-ġid tad-dinja;
ma mess qatt it-tlellix miegħu!

Ried biss jagħti ħajtu kollha
għas-servizz tal-aħwa kollha.
Mhux ta' b'xejn li f'ħajtu u
f'mewtu
faraġ fih sabet il-folla.

Bħal ta' Foggia t-twajjeb raħeb,
li s-salib sar l-għaxqa tiegħu,
hekk ukoll Fra Baskal tagħna
ħaddan lill-Imsallab miegħu.

Sabu fih, il-foqra msejkna,
ħajja ġdida fit-twemmin,
u l-imnikkta daqu l-hena
li ssib biss fil-qaddisin.

Mhux ta' b'xejn ulied l-Assunta
fuq il-għolja Żebbuġija
ħassew l'għandhom quddiem Alla
ruħ mimlija b'kull tjubija.

Seklu u nofs għaddew u marru
sa minn meta d-dawl ewlieni
rajt tal-ħajja u dħalt fid-dinja
biex tkun għodda tas-Setgħani.

Ħa jifirħu wlied Franġisku
tal-familja Kapuċċina
f'dan il-jum ta' ferħ u festa
li b'mistenni feġġ għalina.

U lil Għawdex ħaddan miegħek,
biex il-fidi Nisranija
jibqa' jgħożż matul is-sekli
f'dinja mqarrqa mill-ħżunija.

*Dun Geoffrey G. Attard*
*4 ta' Frar 2019*
*Il-Belt Victoria*

 PHILIP E. SAID



*Ħsibijiet għal Żmien ir-Randan (2)*

# IL-VERITÀ STORIKA

## FIL-PROĊESS TA' ĠESÙ QUDDIEM PILATU



Kemm hemm verità storika fir-rakkont skont San Ġwann (18:28-19:16) tal-proċess ġuridiku ta' Ġesù quddiem Pilatu, Gvernatur tal-Ġudea? Dan ir-rakkont hu xi invenzjoni tal-evanġelista biex il-ħtija tal-mewt ta' Ġesù tgħaddi minn fuq Pilatu għal fuq il-mexxejja Lhud, kif jallegaw nies bħal Friedrich Strauss u Ferdinand Bauer? Il-punt tat-tluq biex jitwieġbu dawn il-mistoqsijiet huma l-erba' vanġeli, li kollha jagħmlu referenza għall-mogħdija ta' Ġesù mingħand Kajfas għall-palazz tal-Gvernatur (Mt. 27:1-2; Mk 15:1; Lq. 23:1; Ġw. 18:28). L-evanġelista Ġwanni jżid li l-mexxejja Lhud ma daħlux 'il ġewwa fil-palazz biex ma jitniġġsux, u b'hekk ikunu jistgħu jieklu l-ikla tal-Għid. Dan id-dettall ta' Ġwanni jikkorrispondi mad-drawwiet tal-Ġudaiżmu tal-ewwel seklu, u għalhekk huwa kredibbli għall-verità storika tiegħu. Ta' min josserva hawnhekk li dawk li ma sabuhiex bi tqila li jgħajtu għall-kruċifissjoni ta' Ġesù ħassewhom jiskruplaw fl-osservanza tal-liġi Lhudija.

San Ġwann jgħaddi biex jirrakkonta d-djalogu bejn Pilatu u l-mexxejja Lhud, meta Ġesù deher quddiem il-Gvernatur. Il-mexxejja Lhud jakkużaw lil Ġesù bħala "raġel ħażin" (18:13). Luqa jmur lil hinn minn din l-akkuża, meta jgħidu: "Aħna sibna li dan il-bniedem qiegħed ixewwex lill-ġens tagħna... u li qiegħed jgħid li hu l-Messija" (23:2). L-akkuża tal-istqarrija li hu sultan hi maħsuba mil-Lhud biex iġibu 'l Pilatu man-naħa tagħhom, peress li Pilatu, bħala pagan, ma kellu ebda sultan ħlief lil Ċesri. Il-mistoqsija ta'

Pilatu lil Ġesù, "Inti s-sultan tal-Lhud?" tidher fl-erba' vanġeli, kif inhi t-tweġiba ta' Ġesù, "Int qiegħed tgħidu." Is-sinottiċi, bħal San Ġwann, jirrekordjaw l-inċident ta' Barabba (Mt. 27:15-23; Mk 15:6-14; Lq. 23:17-23; Ġw. 18:39-40). Mattew iżid ir-referenza għall-ħolma ta' mart Pilatu u t-twissija tagħha biex jibqa' lura milli jidħol fl-istorja ta' "dak ir-raġel ġust" (Mt. 27:19).

Hemm paralleliżmu sħiħ fir-rakkont tal-flaġellazzjoni bejn l-erba' vanġeli. Id-djalogu bejn Pilatu, il-mexxejja Lhud u Ġesù, li jwassal għall-istqarrija tal-qassisin il-kbar, "Aħna m'għandniex sultan ħlief lil Ċesri," insibuh biss f'San Ġwann (19:8-15). Iżda jidher ċar li r-rakkont f'San Ġwann isegwi fedelment dak tas-sinottiċi, u xejn ma jidher improbabbli jew suspettuż mill-aspett storiku. Dwar il-kummenti ta' Ġesù lil Pilatu dwar in-natura tas-saltna tiegħu (Ġw. 18:36-37) jista' jkun li huma inklużi minn Ġwanni biex isaħħaħ l-argument tas-saltna t'Alla li naqraw fil-vanġeli sinottiċi. U l-insistenza ta' Ġesù fuq il-verità (Ġw. 18:37) tinftiehem aħjar fl-istampa akbar tal-verità u tax-xhieda għall-verità fil-vanġelu ta' San Ġwann.

Niġu issa għall-punt l-aktar speċifiku, jiġifieri kif se naslu għall-verità storika taż-żewġ djalogi bejn Pilatu u Ġesù kif jidhru fil-vanġelu ta' San Ġwann biss (Ġw. 18:33-38; 19:4-15). Fattur importanti li jista' jgħinna naslu hu l-fatti storiċi dwar Pilatu bħala gvernatur. Il-mistoqsija allura tiġi: il-mod kif Pilatu jġib ruħu fir-rakkont ta' Ġwanni huwa konsistenti ma' dak li nafu minn sorsi oħra, fosthom il-vanġeli sinottiċi? Hemm evidenza tal-antagoniżmu ta' Pilatu lejn il-Lhud, kif juri l-kumment tiegħu, "Mela jien Lhudi?" (Ġw. 18:35). Hemm evidenza ta' kemm kien vulnerabbli Pilatu għall-akkuża li jekk jeħles lil Ġesù jkun qiegħed joħodha kontra Ċesri? (Ġw. 19:12). It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hi bla tlaqliq, 'Iva!' Mela niġu għall-fatti storiċi.

Ponzju Pilatu nħatar gvernatur tal-Ġudea mill-Imperatur Tiberju fis-sena 26 w.K. u dam f'din il-kariga għal madwar għaxar snin, sas-sena 36/37 w.K. Hu kien jaf din il-ħatra lil Lucius Aelius Sejanus, il-kmandant tal-gwardja Pretorjana ta' Ruma (Philo, Gaius 24, 159). Issa jekk, skont l-istorja, Sejanus miet fis-sena 31 w.K., u l-proċess u l-kruċifissjoni ta' Ġesù seħħew fis-sena 33 w.K., Pilatu kien tilef l-akbar sapport tiegħu. Għaldaqstant il-pożizzjoni dgħajfa li sab ruħu fiha quddiem l-intimidazzjoni tal-Lhud tagħmel sens storikament.

L-istoriku Lhudi Josephus jirrakkonta diversi inċidenti ta' tilwim bejn Pilatu u l-poplu Lhudi, li juru wkoll ir-relazzjoni diffiċli li kellu mal-Lhud. Wieħed minn dawn l-inċidenti kien meta Pilatu tella' statwi tal-Imperatur Ċesri f'Ġerusalemm. Dan l-inċident, imniżżel fil-kotba ta' ġrajjiet il-poplu Lhudi, jidher li seħħ fis-sena 26/27 w.K., jiġifieri dik is-sena stess meta nħatar gvernatur tal-Ġudea. Din il-mossa qanqlet ir-rabja tal-poplu, li ħareġ bi ħġaru jipprotesta. Pilatu mhux biss injora dawn il-protesti, talli ta ordnijiet lis-suldati Rumani biex jisiltu x-xwabel. Meta Pilatu ra r-rieda tal-azzar tal-Lhud, li kienu lesti li jmutu għal ġenshom, reġa' lura u ordna li l-figuri ta' Ċesri jitneħħew minn posthom. Josephus isemmi wkoll kif qabel il-kruċifissjoni ta' Ġesù għadd kbir ta' Lhud sofrew kefrijiet ħorox minn Pilatu. L-Evanġelista Luqa wkoll jitkellem dwar okkażjoni meta "ġew xi wħud u qalulu [lil Ġesù] b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tas-sagrifiċċju tagħhom" (13:1). Dawn l-episodji storiċi juru x'tip ta' karattru kien dan il-gvernatur Ruman: mexxej vjolenti u krudil, biex b'hekk jesprimi l-inċertezza u t-taqtigħ il-qalb bejn dak li kien qiegħed jesiġi minnu l-poplu u l-lealtà inkondizzjonata tiegħu lejn il-mexxejja Rumani.

Tliet snin wara l-kruċifissjoni ta' Ġesù, mela fis-sena 36 w.K., il-pożizzjoni ta' Pilatu ma baqgħetx aktar tenibbli, l-aktar wara l-mewt tas-sostenitur tiegħu Sejanus. Id-daqqa tal-mewt ġiet bil-mod krudil li bih xejjen rewwixta mis-Samaritani. Vitellius, il-Gvernatur tas-Sirja, li minnha kienet tagħmel parti l-Ġudea, ordna lil Pilatu biex jitla' Ruma u jagħti rendikont tas-sitwazzjoni fil-Ġudea. Josephus jgħidilna li "Pilatu, wara għaxar snin fil-Ġudea, haffef lejn Ruma fuq l-ordnijiet ta' Vitellius, peress li ma setax jagħmel mod ieħor". Inċidenti storiċi bħal dawn mill-ħajja ta' Pilatu, li jaċċenna għalihom ukoll l-Evanġelista San Luqa, ikomplu jikkonfermaw l-istoriċità tal-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu kif insibuh fil-Vanġelu ta' San Ġwann (18:28-19:16). ■

FR CHARLES BUTTIGIEG



# IL-PARABBOLA TAL-IBEN IL-ĦALI



L-Evanġelju ta' San Luqa jikkonċentra ħafna fuq il-vjaġġ ta' tagħlim, ta' fejqan, ta' mirakli u fuq kollox ta' salvazzjoni li jagħmel Ġesù mill-Galilea għal Ġerusalemm. L-Evanġelju jibda fil-fatt bis-sagrifiċċju ta' Żakkarija fit-Tempju ta' Ġerusalemm, u fl-aħħar ukoll jispiċċa bil-ġrajjiet tas-salvazzjoni tagħna permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu ġewwa Ġerusalemm.

Din l-istorja tas-salvazzjoni u tal-ħniena ta' Alla nsibuha fuq kollox f'kapitlu 15 ta' San Luqa, li ppermettuli nlaqqmu 'l-kapitlu tal-qalb ħanina ta' Alla', għaliex fih insibu parabboli li nsibuhom biss f'San Luqa, dwar il-ħniena u l-maħfra ta' Alla, bħalma huma tan-nagħġa l-mitlufa, tad-drakma l-mitlufa u tal-iben il-mitluf. Fost dawn, mela, insibu l-parabbola tal-iben il-ħali, jew tal-missier il-ħali fil-ħniena, li nsibu f'Luqa 15, 11-32.

"Fil-parabboli ddedikati lill-ħniena Ġesù juri n-natura ta' Alla bħala dik ta' missier li qatt ma jgħodd ruħu b'mirbuħ sakemm ma jkunx xejjen id-dnub u għeleb ir-rifjut, bil-kompassjoni u l-ħniena. Nafuhom dawn il-parabboli, tlieta b'mod partikolari: dawk tan-nagħġa l-maħruba u l-munita l-mitlufa, u dik tal-missier u ż-żewġ ulied (ara Lq. 15, 1-32). F'dawn il-parabboli Alla dejjem hu ppreżentat mimli ferħ, l-aktar meta jaħfer. Fihom insibu l-qalba tal-Vanġelu u tal-fidi tagħna, għax il-ħniena hi ppreżentata bħala l-qawwa li kollox tirbaħ, li timla l-qalb bl-imħabba u li tfarraġ bil-maħfra" (*Misericordiae Vultus* dwar il-Ġublew tal-Ħniena, numru 9, tal-Papa Franġisku).

Hija parabbola li fiha naraw missier li għandu żewġ ulied. Iżda minn dawn iż-żewġ ulied, min hu verament l-iben il-ħali? It-Tradizzjoni żżomm l-iben iż-żgħir bħala l-iben il-ħali li ħela l-wirt ta' missieru. Imma xi ngħidu għall-iben il-kbir, li kien jgħix ma' missieru?

F'din il-parabbola t-tifel iż-żgħir jitlob il-wirt minn missieru ħaj. Dan huwa insult kbir, li wieħed jitlob il-wirt lil missieru li jkun għadu ħaj, fil-kultura biblika. Il-missier f'dan l-istat jitlef kull possessjoni u jgħaddiha lil uliedu. Issa billi dan it-tifel milli jidher ried jitlaq malajr, għalhekk ried jittrasforma b'mod mgħaġġel fi flus dan il-wirt li messu. Dan

b'konsegwenza li ħafna drabi l-wirt tal-missier jinbiegħ b'valur inqas; il-wirt tal-missier li jkun ilu jġemma' jinbiegħ bi ftit flus, u dan b'dispjaċir, u fuq kollox b'diżunur kbir għall-missier, għal quddiem il-poplu. It-tifel bil-flus f'idejh jitlaq mid-dar ta' missieru għall-art pagana, fejn iberbaq kollox f'ħajja mtajra. Jiġri li mbagħad fil-pajjiż jaqa' l-ġuħ u jsib ruħu f'livell tassew baxx u ta' miżerja, li jirgħa l-qżieqeż, li kienu annimali impuri u l-iktar ħaġa mistmerra li jista' jagħmel wieħed Lhudi.

Iżda huwa jidhol fih innifsu, jerġa' jirrifletti u jerġa' lura d-dar ta' missieru. Il-missier jilqa' għandu lill-iben u jagħtih id-dinjità mill-ġdid permezz ta' libsa mill-aħjar, taċ-ċurkett u tal-qorq. Ma għadux iktar skjav ħafi tad-dnub imma iben bil-qorq f'riġlejh. Hawnhekk l-iben iż-żgħir huwa l-figura tal-midinbin li jindmu, tal-pubblikani u tal-prostituti, filwaqt li dik tal-iben il-kbir, kif ser naraw, hija dik tal-iskribi u tal-Fariżej. Il-missier, li kien dejjem jistenna lil ibnu, imur mela jiġri u jilqa' mill-ġdid lil ibnu u jbusu. Dan il-missier huwa bla dubju ta' xejn l-ikona ta' Alla l-Missier, ħanin, li jagħder u jaħfer mingħajr qatt ma jegħja: "Qam u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu 'l bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu" (Lq. 15, 20). Il-festa u l-ikla tal-għoġol imsemmen ikomplu juru wkoll l-aspett tal-imħabba ta' Alla fir-ritorn ta' dan l-iben.

Dak li l-iktar iħassibna f'din il-parabbola huwa l-atteġġjament tal-iben il-kbir, li bħala l-ewwel iben, u għalhekk il-kbir, kellu parti kbira mill-wirt tal-missier, żgur iktar minn ħuh iż-żgħir, li ma feraħx meta ra lil ħuh lura qawwi u sħiħ. Kien qiegħed jgħix fid-dar tal-missier imma ma ntebaħx bl-imħabba u bil-ħniena kbira ta' missieru. Filwaqt li l-iben iż-żgħir jindirizza lil missieru bħala 'missier', din il-kelma qatt ma toħroġ mill-fomm tal-iben il-kbir. Il-parabbola tpoġġilna lil dan l-iben il-kbir 'il barra mid-dar tal-missier, għax kien għadu ġej mill-għalqa u ma daħalx, u baqa' ma daħalx fid-dar. Anzi jakkuża lil missieru. Bħal donnu ried jibqa' barra mill-ħniena u mill-imħabba ta' missieru: "Hu nkorla u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!' 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab.' (Lq. 15, 28-32).

U għalhekk mela jista' jkun li dan l-iben il-kbir hu proprjament 'l-iben veru l ħali', għaliex kien daqshekk qrib l-imħabba u l-ħniena tal-missier; kien ġo fiha u litteralment ħlieha. L-iben iż-żgħir nafu li rritorna fid-dar ta' missieru u daħal ġewwa, filwaqt li l-iben il-kbir baqa' barra mid-dar tal-missier. Ejjew għalhekk bħala komunità nagħmlu minn kollox biex f'din is-sena tal-ħniena nduqu mill-ħniena ta' Alla kemm għalina u kemm għall-proxxmu tagħna. ■


# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija



- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' hutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn.
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.

MONS. DUN PAWL CAMILLERI



# IL-ĦLEWWA U L-UMILTÀ FIŻ-ŻWIEĠ



*Aħna nemmnu li żwieġ b'saħħtu hu ideal possibbli, u jaqbel lis-soċjetà kollha. In-Nisrani għandu għodda kbira biex jagħmel dan permezz tal-Vanġelu. Illum nirriflettu fuq dan il-vers: "Tgħallmu minni, għaliex jien ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu mistrieħ għal ruħkom." (Mt. 11, 29)*

Ġesù seta' semma ħafna iżjed kwalitajiet meta tkellem fuq qalbu – iċ-ċentru tal-imħabba. Imma semma l-ħlewwa u l-umiltà. U qalilna li biex ikollna paċi u mistrieħ f'ruħna, f'moħħna, fl-ispirtu tagħna, għandna nużaw dawn il-kwalitajiet ta' qalbu. Il-ħlewwa kienet l-ewwel kwalità li spikkat fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu. San Luqa (4, 22) jgħidilna li mal-ewwel prietka tiegħu, fis-sinagoga ta' Nazaret, "għajnejn kulħadd kienu msammra fuqu" (v. 20), "u lkoll bdew juru l-għoġba tagħhom għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu" (v. 22).

Aħna l-Maltin għandna ħafna kwalitajiet tajbin. Imma, kultant, fir-relazzjonijiet tagħna fil-familji ma jispikkawx ħafna. San Luqa jgħid li l-Maltin, fin-nawfraġju, lil San Pawl, lilu u lill-274 l-oħra "ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" (Atti 27, 1). Tgħid għax kienu barranin? Anke fl-Innu Malti, nissejħu ċittadini ta' "din l-art ħelwa". Probabbilment minħabba li San Luqa qal hekk fuqna.

Imma fir-relazzjonijiet tagħna taż-żwieġ għadna ħelwin ma' xulxin? Jew sirna żorri, jekk mhux ukoll kattivi? Kelma niżnuha jew infajruha bl-addoċċ? Nirrealizzaw kemm tista' tweġġa' kelma iebsa fil-korrezzjonijiet li nagħmlu lil xulxin jew lil uliedna? X'toħroġ l-ewwel u l-iktar: ħlewwa jew qrusa? Spjegazzjoni kalma jew tgħajjir iebes? Ħlewwa ma tfissirx irtubija. Ma tfissirx li ma tgħidx dak li jkun hemm bżonn tgħid f'ħinu u f'waqtu. Imma b'delikatezza u bi mħabba. Inkella l-problemi jikbru, mhux jiċkienu, u r-relazzjoni tispiċċa għalkollox. ■

FR WISTIN ATTARD OFMCAP





# WASLET IS-SIEGĦA

F'ħarstek nilmaħ id-diqa ta' qalbek,
wiċċek jixhed il-milja ta' mrar.
Mit-tbexxiqa ta' fommok qed nisma'
qalb titniehed f'ħuġġieġa ta' nar:

Ersaq lejja ħa tisma' t-taħbita
li tirbombja ma' ġismi bla ġieħ.
Ifli d-daqqa tal-frosta li venvnet,
ara xoffti titriegħed bl-uġigħ.

Intix tħoss dehxa bard xħin fuq rasi
tara l-ponot tax-xewk imdemmin!
Intix tara jiżżerżaq ma' wiċċi,
nistħi ngħidlek, dak bżieq il-bnedmin!

Għinni nkaxkar din l-għuda sal-għolja,
spallti nstelħet bil-piż tas-salib;
anqas niflaħ interraq pass ieħor,
ruħi mtertqa bil-hemm u t-tiġrib.

Din hi siegħa ta' dalma, ta' niket,
siegħa mqaddsa ta' fidwa għall-ħolqien.
Sekli sħaħ ixxennquha dis-siegħa,
sa mis-siegħa li dinbu fil-ġnien.

Xħin nintrefa' fuq l-għuda mistkerrha
kull min jemmen ikollu l-ħelsien,
għax Missieri hekk ħabbha lid-dinja
li fuq spallti rifdilha s-sisien.

Biegħed minni, Missier, din il-ġrajja,
imma jsir kif tgħid int u mhux jien.
Kien għalhekk li ġejt hawn, biex il mejjet
jieħu l-ħajja, u s-saħħa l-għajjien. ■

TRADUZZJONI TA'
FRANCESCO PIO ATTARD



*KELMTEJN MILL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA FRANĠISKU LILL-ARĊIDJOĊESI TA' BENEVENTO*
*Il-Bażilika tal-Vatikan*
*L-Erbgħa, 20 ta' Frar 2019*

# PATRI PIJU TA' PIETRELCINA IL-QADDIS LI ĦABB IL-KNISJA



*L-għodwa t-tajba! Ġejtu ħafna! Lanqas li kienet xi kanonizzazzjoni! Grazzi ħafna lill-Isqof, lis-Sindki, lil kulħadd; grazzi ta' din il-kortesija tagħkom, li bla dubju ta' xejn turi l-qalb tajba tagħkom. Grazzi.*

Għeżież ħuti,

Kemm qed nieħu pjaċir nilqagħkom, u minn qalbi nagħti merħba lil kull wieħed u waħda minnkom. Ġejtu minn Ruma, flimkien mar-Ragħaj tagħkom Mons. Felice Accrocca, biex tirreċiprokaw iż-żjara li bi pjaċir għamilt fi Pietrelcina fis-17 ta' Marzu tas-sena l-oħra, fiċ-ċentinarju mid-dehra tal-pjagi permanenti ta' San Piju u fil-ħamsin anniversarju minn mewtu.

Nixtieq inġedded lil kulħadd ir-radd ta' ħajr sinċier tiegħi għall-merħba sabiħa li tajtuni dakinhar. Ma ninsa qatt dik il-ġurnata, kif lanqas nista' ninsa tant morda li sellimt hemm. Dik iż-żjara tassew baqgħet f'qalbi. It-tifkira ta' dik il-ġrajja, mimlija sinifikat ekkleżjali u spiritwali, ħa ssaħħaħ f'kulħadd ir-rieda li tinżlu iktar fil-fond tal-fidi tagħkom, fid-dawl tat-tagħlim tal-konterran illustri u qaddis tagħkom Patri Piju. Hu ddistingwa ruħu fil-fidi soda



f'Alla, fit-tama qawwija fir-realtajiet tas-Sema, fl-għotja ġeneruża għall-oħrajn, fil-fedeltà għall-Knisja, li sa minn dejjem ħabb bil-problemi u t-tiġrib tagħha. Ħa nieqaf ftit fuq dan. Hu ħabb lill-Knisja, bil-ħafna problemi li għandha l-Knisja, bil-ħafna tiġrib, bil-ħafna midinbin tagħha. Għax il-Knisja hi qaddisa, hi l-għarusa ta' Kristu, imma aħna, ulied il-Knisja, aħna lkoll midinbin – u xi wħud ħoxnin! – imma hu ħabb lill-Knisja kif kienet, ma kissirhiex bi lsienu, kif saret moda nagħmlu llum. Le! Hu jħobb.

Dak li jħobb lill-Knisja jaf jaħfer, għax jaf li hu stess hu midneb u għandu bżonn tal-maħfra ta' Alla. Jaf isewwi l-affarijiet, għax il-Mulej irid isewwi l-affarijiet kif suppost imma dejjem bil-maħfra: ma nistgħux ngħaddu ħajjitna kollha nakkużaw, nakkużaw, nakkużaw lill-Knisja. Ta' min hu l-uffiċċju tal-akkużatur? Min hu dak li l-Bibbja ssejjaħlu 'l-akkużatur il-kbir'? Ix-xitan! U dawk li jgħaddu ħajjithom jakkużaw, jakkużaw, jakkużaw, huma – mhux ħa ngħid ulied, għax ix-xitan m'għandux – imma ħbieb, kuġini, qraba tax-xitan. U le, dan mhux sew; tajjeb li ngħidu x'inhuma d-difetti biex nikkoreġu, imma meta nkunu wrejna liema huma, u kkundannajniehom, jeħtieġ inħobbu lill-Knisja. Mingħajr imħabba, dak ikun xogħol ix-xitan. U San Piju kellu t-tnejn li huma: kien iħobb lill-Knisja bil-problemi kollha tagħha u t-tiġrib li għaddiet minnu, bid-dnubiet ta' wliedha. Tinsewhx dan.

Inħeġġiġkom tifhmu u tilqgħu dejjem iżjed l-imħabba ta' Alla, għajn u raġuni tal-hena veru tagħna. Aħna msejħin biex inxerrdu din l-imħabba li tibdel il-ħajja, fuq kollox lill-persuni l-aktar dgħajfa u fil-bżonn. Kull wieħed u waħda minna, meta nxerrdu l-imħabba ta' Alla, inkunu ngħinu biex nibnu dinja iktar ġusta u solidali. Fuq l-eżempju ta' Patri Piju nitlobkom, tehdew qatt tafdaw ruħkom f'idejn Kristu u xxandru t-tjieba tiegħu u l-ħniena tiegħu bix-xhieda ta' ħajjitkom. Dan hu li l-bnedmin anki ta' żmienna qed jistennew mid-dixxipli tal-Mulej. Xhieda. Aħsbu ftit f'San Franġisk – li l-Isqof tagħkom jafu tajjeb – u x'qal lid-dixxipli tiegħu. "Morru, agħtu xhieda, m'hemmx bżonn ta' kliem." Xi darba jkun hemm bżonn titkellmu, imma intom ibdew bix-xhieda, għixu ta' Nsara, agħtu xhieda li l-imħabba hi isbaħ mill-mibegħda, li l ħbiberija hi isbaħ mill ġlied, li l-fratellanza bejnna lkoll hi isbaħ mill-gwerra.

Grazzi mill-ġdid ta' din iż-żjara! Mill-qalb nagħti lilkom ilkoll il-barka tiegħi, li ngħaddi lill-familji tagħkom, lill-komunitajiet tagħkom u lill-Arċidjoċesi kollha ta' Benevento. Grazzi ħafna! ■

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# ĦUNA PATRI PELAĠJU BILOCCA JITWIELED FIS-SEMA PAJJIŻNA

Nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2019 ġriet l-aħbar li Ħuna Patri Pelaġju Bilocca OFMCap daħal fil-ħajja ta' dejjem fl-għomor ta' 86 sena. Huwa miet fid-Dar tal-Kleru ġewwa B'Kara, fejn kien ilu għal dawn l-aħħar ħames snin. Ħuna Pelaġju twieled nhar is-17 ta' Settembru 1932 mill-ġenituri tiegħu Ġużeppi u Katarin née Caruana, u ġie mgħammed jumejn wara fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa, fejn ingħata l-isem ta' Karmenu. Intrabat bil-professjoni temporanja nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 1950 u bil-professjoni perpetwa nhar l-4 ta' Ottubru 1953. Ġie ordnat presbiteru nhar l-14 ta' Marzu tas-sena 1959. Din is-sena ċċelebra għeluq is-60 sena bħala saċerdot. Ħalla jibku t-telfa tiegħu, minbarra lil ħutu l-patrijiet Franġiskani Kapuċċini, lil Ħutu Br Thomas, membru tad-De La Salle Brothers, Joseph, Katy, Mary u Tony, flimkien ma' għadd ta' neputijiet, qraba u ħbieb kemm f'Malta kif ukoll fil-Kenja.

## ĦIDMIET F'MALTA

Ħuna Patri Pelaġju Bilocca wettaq diversi ħidmiet matul is-60 sena tiegħu bħala saċerdot. Huwa kien direttur tal-istudenti tagħna fil-Furjana, superjur-gwardjan kemm fil-kunvent tas-Salib Imqaddes fil-Furjana kif ukoll fil-komunità tat-Trinità Qaddisa, fil-Marsa. Kien ukoll viċi kappillan fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Wettaq ħidma wkoll għal diversi snin bħala kappillan fl-isptarijiet, prinċipalment fir-Residenza għall-Anzjani San Vinċenz.





PATRI PELAĠJU MISSJUNARJU FIL-KENJA

Imma l-aktar ħidma li spikkat fil-ħajja tiegħu, tant li baqa' b'nostalġija jitkellem dwarha sakemm miet, kienet dik ta' 20 sena bħala missjunarju fil-Kenja. Huwa telaq minn Malta f'Marzu tas-sena 1977. Hawnhekk huwa wkoll kien għal tliet darbiet superjur regolari (1978-1981; 1990-1993; 1994-1996) tal-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja. Bħala superjur regolari huwa kellu diversi mumenti diffiċli, kemm għaliex il-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja kienet għadha fi żmien bikri, speċjalment fis-sena 1978, immedjatament wara li kien temm il-ħidma tiegħu bħala superjur Ħuna Mons. Leo White. Kellu wkoll mumenti diffiċli bħala superjur meta fis-sena 1994 daħal sabiex jieħu post illum Mons. Joseph Alessandro, li dakinhar kien hu superjur, imma minħabba

l-inċident meta sparaw fuqu Ħuna Pelaġju Bilocca ntgħażel sabiex ikompli jmexxi hu minfloku.



Nistgħu ngħidu li kien hu li pprepara bħala superjur regolari bejn is-snin 1994-1996 sabiex il-preżenza tagħna fil-Kenja tiġi mgħollija għall-grad ta' viċi provinċja. Is-Superjuri Ġenerali f'Ruma, meta raw l-iżvilupp stabbli u mgħaġġel li l-preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja kienet qed twettaq, ħadu d-deċiżjoni li lil din il-preżenza minn kustodja jgħolluha għal viċi provinċja tal-provinċja ta' Malta. Dan kien seħħ nhar it-3 ta' Lulju 1996. Kważi sena wara li l-kustodja tal-Kenja saret viċi provinċja, Ħuna Patri Pelaġju kellu jirritorna lejn il-provinċja f'Malta minħabba problemi f'saħħtu, li baqgħu jippersistu fuqu sakemm miet. Huwa rritorna għalkollox f'Malta f'Marzu tas-sena 1997. Huwa ġarr il-piż ta' dan il-mard għal aktar minn 22 sena bl-akbar imħabba, ferħ u abbandun fil-ħniena ta' Alla.

## L-EWWEL PROMOTUR VOKAZZJONALI FIL-KENJA

Matul l-20 sena li Ħuna Patri Pelaġju wettaq fil-Kenja, huwa baqa' msemmi u maħbub għall-pastorali vokazzjonali li s-superjur ta' dak iż-żmien kien fada f'idejh. Huwa kien l-ewwel promotur vokazzjonali għalina l-Kapuċċini fil-Kenja. Fis-sena 1984, jiġifieri 10 snin wara li l-ewwel Kapuċċini Maltin kienu daħlu fil-Kenja, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li issa kien wasal iż-żmien li nibdew naċċettaw żgħażagħ bil-għan li jħaddnu l-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Din l-isfida b'impenn u responsabiltà ġiet fdata f'idejn Ħuna Patri Pelaġju, u hu wettaqha b'dedikazzjoni, għaqal u responsabiltà kbira, kemm lejn iż-żgħażagħ li kienu qed jersqu lejna kif ukoll lejn l-Ordni tagħna, u mhux inqas lejn il-Knisja fil-Kenja. Huwa b'impenn kbir baqa' jwettaq din il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ aspiranti għall-ħajja Kapuċċina anke fis-snin li kien superjur.

F'intervista li jiena bħala editur tad-*Dawl Franġiskan* kont għamilt lil Ħuna Patri Pelaġju fl-okkażjoni ta' għeluq l-40 sena tal-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja, liema intervista ġiet ippubblikata f'din ir-rivista fil-ħarġa ta' Awwissu-Settembru tas-sena 2014, huwa kien qalli: "Nistqarr li sibt ukoll tfixkil mingħand min ma testenniex. Kien hemm saħansitra anke persuni li qaluli, 'X'sejjer tagħmel il-Kenja? Sejjer biex toqgħod tgħodd ir-ramel?'" Imma wara snin ta' ħidma fil-pastorali vokazzjonali, illum Patri Pelaġju seta' jwieġeb u jgħid: "Jiena mort b'determinazzjoni u fiduċja f'Alla; imma mhux biex noqgħod ngħodd ir-ramel, imma biex noqgħod ngħodd in-numru sabiħ ta' żgħażagħ li daħlu magħna biex isiru Franġiskani Kapuċċini."




## MUMENTI TA' FERĦ U TA' NIKET

Fl-istess intervista li għamilt referenza għaliha, Ħuna Patri Pelaġju kien qasam miegħi l-mumenti ta' ferħ u ta' niket li bħal kull missjunarju ieħor ikun għadda minnhom.

Bħala mumenti ta' ferħ huwa kien semma b'nostalġija l-mument li għall-ewwel darba rifes l-art tal-Kenja, bil-għan li jagħti bidu għas-sejħa

missjunarja li kien iħoss tbaqbaq fil-qalb tiegħu. Mumenti oħra ta' ferħ għalih kienu meta jara grupp ta' żgħażagħ Kenjani jagħtu bidu għall-postulantat f'Umoja jew aktar u aktar meta jarahom sejrin għan-novizzjat f'Kasita ġewwa t-Tanzanija. Imbagħad arah sejjer sabiex kemm bħala promotur vokazzjonali u bħala superjur ikun preżenti għall-ewwel professjoni tagħhom. Jirrakkonta li jum ta' ferħ kbir għalih kien meta ra l-ewwel grupp ta' erba' Kenjani jiġu ordnati bħala saċerdoti ġodda. Mument ta' ferħ għalih kien ikun ukoll meta kien jingħaqad magħhom xi missjunarju ġdid minn Malta. Esperjenza pożittiva għalih kienet ukoll l-okkażjoni meta Garissa saret djoċesi, b'Ħuna Mons. Pawlu Darmanin bħala l-ewwel isqof tagħha.

Ma' dawn il-mumenti ta' ferħ ma naqsux ukoll mumenti ta' niket u tbatija. Fosthom l-inċident li kien għadda minnu Ħuna Joe Alessandro, illum l-Isqof ta' Garissa, meta ġie attakkat u ġie wiċċ imb wiċċ mal-mewt. Miegħu kien hemm Ħuna Fr Hilary Abela u xi missjunarji lajċi Maltin, meta Ħuna Spiro Galea flimkien ma' xi sorijiet ġew attakkati, tant li dawn qatlu waħda mis-sorijiet. Huwa wkoll isemmi bħala mument ta' tbatija meta huwa stess kien ġie mhedded b'arma tan-nar minn grupp ta' ħallelin u mġiegħel jagħtihom iċ-ċwievet tal-jeep li kien qed isuq, serquha u telqu biha.

## NGĦIDULU GRAZZI

Lil Ħuna Patri Pelaġju nixtieq li jiena personalment ngħidlu grazzi għal dak li għamel miegħi personalment, għaliex fis-seba' darbiet li bħala ministru provinċjal kont mort il-Kenja, sitt darbiet minnhom huwa kien is-superjur. Napprezza l-mod kif kien jilqagħni u bil-paċenzja u bi mħabba kbira kien bħala xufier jeħodni nżur il-missjoni kollha, b'distanzi ta' eluf ta' kilometri. Ngħidlu grazzi għall-pariri siewja li kien jagħtini fid-deċiżjonijiet li kelli nieħu għall-ġid tal-missjoni fil-Kenja.

Nixtieq ukoll ngħidlu grazzi għax dan Ħuna kien tassew rigal kbir għall-provinċja tagħna l-Kapuċċini kemm f'Malta kif ukoll fil-Kenja. Mal-mewt tiegħu rċivejna diversi messaġġi, mhux biss ta' kondoljanzi imma wkoll ta' apprezzament, mill-Kenja. Meta sena ilu kont mort il-Kenja għall-kapitlu tal-aħwa Kenjani, qabel ma tlaqt biex niġi lura Malta kienu diversi dawk li tawni cards u ittri għalih, sabiex juruh li għadhom jiftakruh u għadhom rikonoxxenti għal dak li għamel magħhom. Kemm kien ta' sodisfazzjon u ta' ferħ għalija narah b'wiċċu jixgħel meta mort id-Dar tal-Kleru nagħtih dawn ir-rigali li diversi mill-Aħwa Kapuċċini Kenjani kienu bagħtulu miegħi. Kemm feraħ! Huwa żammhom b'għożża kbira biex anke jurihom lill-familjari tiegħu.

## IL-FUNERAL

Il-funeral ta' Ħuna Patri Pelaġju sar nhar il-Ħamis 14 ta' Frar fil-knisja tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa, fejn twieled u trabba. Il-quddiesa konċelebrata ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjal Ħuna Patri Effie Mallia OFMCap. Kien assistit mill-Isqof Emeritu ta' Garissa Ħuna Pawlu Darmanin OFMCap flimkien mal-Isqof ta' Garissa Ħuna Joseph Alessandro OFMCap, li kien Malta. Kienet xi ħaġa tassew



providenzjali li missjunarju kbir bħalma kien Ħuna P. Pelaġju, għall-funeral tiegħu, flimkien ma' għadd ġmielu ta' Kapuċċini u saċerdoti oħrajn, ikun imdawwar b'żewġ isqfijiet missjunarji oħra.

Il-Ministru Provinċjal wassal l-omelija tiegħu mibnija fuq is-silta meħuda mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 25 – id-diskors tal-aħħar ġudizzju. Kif qal il-Ministru Provinċjal, Ħuna P. Pelaġju żgur li huwa wieħed minn dawk li l-Mulej jgħidilhom: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja." Patri Pelaġju kien dak il-missjunarju li għex dan id-diskors tal-opri tal-ħniena.

Huwa ndifen fil-qabar tagħna l-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. Filwaqt li nagħtu l-għomor lil ħutu, il-familji tagħhom u bosta qraba oħra u ħbieb, nixtiequ wkoll ngħidu grazzi lil dawk kollha li f'ħajtu ħabbewh u għenuh. Grazzi lill-Qaddejja taċ-Ċenaklu għall-għożża kbira li wrew miegħu fis-snin li għadda fid-Dar tal-Kleru.

Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqu, u jistrieħ għal dejjem fil-paċi mal-Ħallieq tiegħu u l-qaddisin fis-sema. Ammen. ■

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# IL-PAPA FRANĠISKU WARA 6 SNIN B'ĦARSTU DEJJEM 'IL QUDDIEM



Dak li l-Papa żera' f'dawn is-sitt snin li ilu jmexxi l-Knisja qiegħed jagħti l-frott bil-mod il-mod u għad jagħti aktar. Hekk jistqarru ħafna minn dawk li mill-qrib isegwu l-ħajja u l-attività tal-Knisja u fuq kollox tal-Papa. Għax il-Papa mhuwiex bħal dak il-bniedem li għandu xi pjan maħdum lest għal xi tliet snin jew aktar u jagħmel minn kollox biex iwettqu. Hu nnifsu jistqarr li kieku jkun hekk, kieku jkun magħluq għat-tnebbiħ tal-Ispirtu s-Santu, li huwa dejjem ġdid u jġedded kollox.

Hekk għamel San Franġisk t'Assisi, fil-faqar tiegħu tassew. Ried b'mod sempliċi jgħix hu nnifsu l-faqar tal-evanġelju, kif għallmu Ġesù, u ġibed warajh 'dixxipli' li meta għexu sħiħ l-ideal tagħhom taw sehem kbir fit-tiġdid tal-Knisja u tas-soċjetà.

Għalhekk fil-fatt il-Kardinal Bergoglio għażel l-isem 'Franġisku' kontra kull tradizzjoni fl-istorja tal-ismijiet tal-papiet; għalhekk bħal Franġisku t'Assisi ried iktar iwassal b'ħajtu l-messaġġ ta' tiġdid, imniedi b'mod solenni mill-Konċilju Vatikan it-Tieni aktar minn ħamsin sena ilu, sabiex il-Knisja tkompli tiġġedded, tkun dejjem aktar dik il-Knisja li xtaqha Kristu. Hekk tkun tista' twassal aħjar il-messaġġ ta' mħabba u sliem, ħniena u maħfra lill-bnedmin kollha. U dan twettqu kemm ma' dawk li jafu bih, dawk li kienu jafu bih u nsewh kif ukoll ma' dawk meqjusin 'barra' jew "il bogħod'. Hekk kulħadd isir jaf b'Ġesù dejjem aktar!

## XHIEDA B'ĦAJJA AKTAR SEMPLIĊI

Mill-ewwel mumenti wara l-għażla tiegħu, bil-ferħ u bl-umiltà kollha għażel ħajja iktar

sempliċi... rifless tal-istess waqt meta Franġisku t'Assisi, quddiem l-isqof tiegħu, warrab l-istil ta' ħajja li kien jgħix missieru fil-għana u l-kburija u ried isir u jkun tassew fqir mal-fqar.

Il-ħajja ta' faqar, ta' sempliċità qaddisa, il-ferħ li jidher u li jinħass, is-sehem biex 'tinbena' Knisja isbaħ u aħjar li tkun tista' twassal b'mod li jinħass lil Ġesù u l-messaġġ tiegħu, huma fost l-effetti tas-sitt snin tal-Papa Franġisku. Hekk il-Knisja, li fuq kollox hija mmexxija mill-Ispirtu Qaddis, dejjem tibni fuq it-tajjeb kollu li kull Papa jkun wettaq fi żmienu, tkun strument adattat 'għal-lum tal-istorja' biex twettaq l-għan ewlieni tagħha.

L-eżortazzjoni appostolika programmatika tal-Papa Franġisku *Il-Ferħ tal-Evanġelju* hija programm ta' azzjoni f'din il-linja. Dan jidher meta jitkellem fuq il-ħajja tal-Knisja u x-xandir bil-ferħ tal-evanġelju fid-dinja tal-lum, l-aktar bix-xhieda tagħha u bil-ħajja ta' dawk kollha li huma msejħin biex iwettqu dan. Jidher ukoll meta jitkellem fuq il-Knisja 'missjunarja' li toħroġ lejn 'il-periferiji', kemm dawk li jeħtieġu l-ewwel evanġelizzazzjoni kif ukoll dawk li għandhom bżonn jiġu evanġelizzati mill-ġdid. Hekk ukoll meta l-Papa Franġisku jitkellem fuq l-idolatrija tal-allat li l-bniedem tal-lum qed joħloq u li qegħdin ijassruh, ħafna drabi bla ma jittendi.

L-istess ukoll meta l-Papa jitkellem, mhux biss f'din l-eżortazzjoni imma kull meta jkollu ċans, dwar 'ix-xandir' b'kull mezz tal-Kelma. Jeħtieġ li lkoll nitgħallmu nisimgħu aktar lill-bniedem tal-lum, biex ngħinuh aktar u aħjar jersaq lejn Alla u jwettaq dak li jrid minnu llum. Imma fuq kollox jeħtiġilna nwettquh billi nitgħallmu dejjem aktar inkunu qrib l-Imgħallem, inħobbu ħafna aktar, inħarsu lejh u nħalluh iħares lejna. L-omelija li huwa kien għamel fl-24 ta' April, wara li sar papa, tidher li kienet u hija l-ħajja tiegħu, u ma jegħjiex jisħaq fuqha jekk irridu li l-kelma tagħna ma tkunx wisq dik tagħna imma dak li Hu jkun irid iwassal lill-poplu għażiż tiegħu li jkun jismagħna.

## IRID IWASSAL 'IL KRISTU LI JINĦASS

Dan itennih b'mod jew ieħor kull meta jkollu ċans jitkellem mal-isqfijiet, is-saċerdoti, il-persuni konsagrati u fid-dokumenti li ħareġ lil dawk imsejħin biex jgħixu l-ħajja klawstrali. Itennih bla waqfien lill-membri kollha tal-movimenti ekkleżjali. Jistedinna fuq kollox nagħmlu dan bil-ferħ, kif jgħid fl-ittra oħra tiegħu *Ifirħu u Thennew,* kif ukoll meta tkellem fuq is-sbuħija tal-imħabba fil-ħajja tal-familja f'*Il-Ferħ tal-Imħabba* u liż-żgħażagħ f'kull laqgħa li jkollu magħhom.

Id-djalogu fil-wesgħat kollha tiegħu li l-Papa jġib 'il quddiem huwa xhieda ta' dan: kemm jekk huwa djalogu fi ħdan il-Knisja nnifisha, jew mal-Knejjes Insara l-oħra kollha, mar-reliġjonijiet kollha u saħansitra ma' dawk li ma jagħmlu ebda referenza għal Alla l-veru! L-eżempji li għexna, l-aktar dan l-aħħar, fil-każijiet tad-djalogu maċ-Ċina, mal-Vjetnam, mal-Iżlam u tant ċirkustanzi oħra, huma kollha f'din id-direzzjoni.

Għax il-Papa, bħala veru profeta, dejjem jiżra' żerriegħa



tajba, jara li tkun inżergħet sa fejn hu possibbli f'art tajba jew kważi, u li tiġi kkurata kemm huwa possibbli. "Aħna ma nistgħux inħarrxu l-kunflitti, imma rridu nippruvaw nillixxawhom," tenna huwa stess f'waħda mill-intervisti li ta. Jiġifieri wara mixja li forsi tkun bdiet ħafna snin ilu, bil-mod, il-Knisja u n-nies tagħha jridu jkunu attenti kif u meta jkun wasal iż-żmien li jsir pass ieħor 'il quddiem.

Li hemm tajjeb ħafna hu li l-Papa, għalkemm għaddew dawn is-sitt snin fit-tmexxija xejn ħafifa ta' Knisja ppruvata minn każi ta' abbużi min-nies tagħha, uħud veri, oħrajn mibnija fuq qlajja'... min hu qribu jistqarr li minkejja kollox ma tilef xejn mill-enerġija tal-Ispirtu ġewwa fih. Għalhekk meta ftit ilu kien mistoqsi minn wieħed reliġjuż żagħżugħ kif hu jista' jgħin lill-Papa fil-ministeru tiegħu, wieġbu, "Billi ngħixu aħjar l-Evanġelju." Tweġiba tipika mimlija spirtu Franġiskan!

Ejjew inkomplu, għalhekk, nitolbu ħafna għalih u għall-Knisja kollha biex inkunu lkoll mezz iktar qawwi, fostna u madwarna, biex inwasslu lil Kristu ħaj fid-dinja. Ngħixu l-ħajja tal-Evanġelju, ilkoll skont is-sejħa tagħna. Din hija l-missjoni ewlenija tal-Knisja, tal-Papa, tiegħi u tiegħek ukoll. ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



*Ix-xena politika Maltija*

# IS-SETTE GIUGNO - META D-DEMM MALTI ĠERA FIT-TOROQ TAL-BELT VALLETTA (4)

## IL-BORMA TIBDA TBAQBAQ

Il-ġuħ u l-għaks kienu bdew jagħfsu sewwa fuq il-familji Maltin. Ix-xewqa tal-Maltin li jmexxu l-affarijiet tagħhom żdiedet. Il-leħen tal-Maltin eletti fil-Kunsill tal-Gvern biex ikollna kostituzzjoni ġdida dejjem waqa' fuq widnejn torox. Fit-23 ta' Novembru 1918 Dr Filippo Sceberras għamel appell biex tiġi fformata assemblea nazzjonali. Il-kliem ta' Dr Filippo Sceberras biex iħeġġeġ il-Maltin baqa' parti mill-istorja nazzjonali: **"Alziamo la nostra voce! Leali sempre, ma risoluti ed energici, uniti in un sol fascio!"**

Din l-assemblea nazzjonali li waqqaf Dr Filippo Sceberras kienet magħmula minn korpi ewlenin li kien hawn Malta. Konna nsibu rappreżentanti tal-kapitli taż-żewġ katidrali, dak ta' Malta u dak t'Għawdex. Il-kulleġġi tal-kanonċi, il-kappillani, l-inġiniera ċivili, il-Kamra tal-Kummerċ, il-unions tal-artiġjani u tax-xogħol, is-Soċjetà Agrarja, is-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, l-għaqdiet tal-istorja, letterarji u politiċi, l-istudenti tal-Università u l-għaqdiet filarmoniċi u filodrammatiċi.[1]

Wieħed irid jifhem, biex japprezza x-xogħol ta' Dr Filippo Sceberras, li l-moviment Nazzjonalista kien maqsum b'żewġ ideat differenti bejniethom. Kien hemm dawk moderati, taħt it-tmexxija ta' Monsinjur Injazju Panzavecchia, u dak radikali taħt il-gwida tal-Avukat Nerik Mizzi. Sergio Grech, studjuż tal-istorja Maltija, jgħid: "Il-Maltin, jew ix-xewqa tagħhom li jmexxu huma ħwejjiġhom, kellha tiġi f'kunflitt mal-biża' tal-Ingliżi li setgħu jitilfu dil-blata Mediterranja, li kienet pedina ġeografika importanti fl-imperu kbir li kellhom."[2]

Il-mexxejja tal-Maltin qablu li kellhom jiltaqgħu u jitkellmu. Ġiet iffissata data – il-25 ta' Frar 1919. L-għaqdiet u l-movimenti Maltin kellhom jibagħtu r-rappreżentanti tagħhom għal din il-laqgħa. Il-post magħżul kien is-sede ta' La Giovine Malta, il-Belt Valletta, post marbut ma' Dr Enrico Mizzi.



Sir Filippo Sceberras

Ir-rappreżentanti Maltin riedu jagħmlu ħoss, biex jasal il-messaġġ ċar lill-mexxejja tal-

**Ir-referenzi:**

1. Sciberras T., *Joseph De Piro, a love for the church, his country, the poor and the missions, 2016, p. 508.*
2. Grech S., 'Malta taħt l-Ingliżi', *Saghtar*, Mejju 2004, p. 52.

gvern imperjali Ingliż. Kien pjanat li l-poplu juri s-sapport tiegħu lil din il-laqgħa. Ħafna nies daħlu l-Belt Valletta. Biex il-ħoss jinstema' aktar, is-sidien tal-ħwienet tal-Belt Valletta kellhom ma jiftħux il-bibien tagħhom għall-bejjiegħa. Il-poplu daħal il-Belt Valletta. Il-pulizija kienet hemm iżda ma tantx ikkontrollat il-folol. Kien ġie stabbilit li ssir laqgħa oħra, din id-darba s-Sibt, 7 ta' Ġunju 1919. Il-post baqa' l-istess, jiġifieri fil-bini ta' La Giovine Malta.

Waqt din it-tieni laqgħa kienet ser tiġi approvata riżoluzzjoni. Iżda l-istudenti tal-Università ħarġu fit-toroq tal-Belt Valletta nhar l-10 ta' Mejju. Huma kienu organizzaw marċ ta' protesta biex ipprotestaw kontra d-dħul tas-sistema ġdida għall-ksib tal-lawrji. Waqt li kienet sejra l-protesta, xi studenti daħħlu fin-nofs lil Francesco Azzopardi, dak il-bniedem li żamm is-siġġu tiegħu fil-Kunsill tal-Gvern. Waqt il-protesta erba' studenti ġew arrestati u mtellgħa quddiem il-Qorti. Wara dawn l-istudenti nstabu li ma kellhomx ħtija.

## IL-LAQGĦA TAS-7 TA' ĠUNJU

Ftit jiem qabel is-7 ta' Ġunju Dr Filippo Sceberras ġie infurmat mis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji li l-Gvernatur il-ġdid għal Malta kellu jistudja s-sitwazzjoni soċjali biex il-ħajja f'Malta tkun aħjar. In-nies ta' Dr Enrico Mizzi, li ma ridux jafdaw lill-gvern Imperjali Ingliż, ma ridux iħassru din il-laqgħa. Il-ħaddiema komplew 'jipprotestaw'. Fost dawn kien hemm il-pulizija u l-ħaddiema tal-posta.

Il-pulizija xammu li waqt il-laqgħa kien hemm il-possibilità li jinqala' l-inkwiet. Għalhekk talbu lill-awtorità Ingliża biex jitpoġġew numru ta' suldati quddiem il-kwartieri ewlenin tal-qawwa Ingliża – il-Berġa ta' Kastilja.

## LAQGĦA FIL-BORŻA

Kull settur tas-soċjetà Maltija beda jitħasseb fuq is-sitwazzjoni soċjali li l-gżejjer Maltin kienu jinsabu fiha. Il-Kurunell J. L. Francia, li kien il-president tal-Kamra tal-Kummeċ, sejjaħ laqgħa fil-Borża u stieden il-presidenti tal-korpi kostitwiti kif ukoll ir-rappreżentanti Maltin fil-Kunsill tal-Gvern. Waqt din il-laqgħa nkitbet ittra indirizzata lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, li fiha talbu biex kostituzzjoni aktar miftuħa u liberali tingħata lil dawn il-gżejjer. Huma tennew li: "No taxation without representation." ■

**Ir-referenzi:**

Galea Scannura C., 'The Sette Giugno Affair', *Heritage*, vol. I, Midsea Book Ltd, Malta 1979.
Vella Y., 'The Maltese History Sec. Level' – *From the Coming of the Knights to EU Membership,* History Teachers' Association Publication, Malta 2008.
Borg D., Net News, 27-v-2018.
Grech S., 'Malta Taħt l-Ingliżi', *Sagħtar,* Mejju 2004.
Bartolo P., *X'kien ġara sew fis-Sette Giugno,* Malta 1979.
Frendo H., *Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919,* Malta 1970.
Sciberras T., *Joseph De Piro, A love for the Church, his country, the poor and the missions,* 2016.




Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu li għadda l-Akkademja tal-Malti organizzat serata li fiha tnieda l-ktieb ġdid li Ħuna P. Silvestru Bonavia fih ġabar l-artikli li ħuh Karmenu kien kiteb u xandar fuq Ħaż-Żabbar, il-Madonna tal-Grazzja u s-santwarju tagħha.

Wara li ggradwa bħala għalliem fl-1948 Karmenu Bonavia ddedika ħajtu kollha fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-istat, u fil-ħin liberu u l-vaganzi ngħata għall-istudju u l-kitba, mibnija fuq tiftix fl-arkivji f'Malta, biex isawwar l-istorja tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja fis-santwarju tagħha f'Ħaż-Żabbar.
Il-ktieb, li fih 450 paġna ta' kitba u 64 oħra ritratti bil-kulur, fih ukoll ittri mill-kappillani li servew tul dawn l-aħħar 45 sena f'Ħaż-Żabbar, u fuq kollox ittra tassew sabiħa mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, li fiha juru fuq kollox il-missjoni tal-istudjuż storiku u Nisrani li "bir-riċerka tiegħu dwar l-istorja ta' pajjiżna mhux biss kien, b'impenn kbir, iġib għad-dawl dak li kien moħbi fl-imgħoddi, iżda fil-kitbiet tiegħu kien iwassal lill-qarrej, u fid-diskorsi tiegħu lil min kien jisimgħu, biex jagħraf il-valur ta' dak li għexu missirijietna, kif iffurmana bħala poplu u kif jimliena bit-tama li, aħna li qed ngħixu l-istorja llum, nistgħu nibnu ġejjieni aħjar".

**Il-ktieb jinxtara bil-prezz ta' €30 mill-Mużew tas-Santwarju, Ħaż-Żabbar, minn Librerija Preca tal-MUSEUM, il-Blata l-Bajda, u miċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja, il-Kapuċċini, il-Furjana. Imma sal-Għid il-Kbir ikun jinbiegħ bil-prezz speċjali ta' €25.** ■

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



## APRIL 2019

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

### 1. BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI



Bejn il-Ħadd 17 u l-Ħadd 24 ta' Frar il-Grupp Koppji Franġiskani tal-Furjana organizza l-bazaar annwali b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja fis-sala taċ-Ċentru Kultura Franġiskani. Ta' kull sena dan il-bazaar kien isir qrib il-festi tal-Milied, imma għal din is-sena, minħabba xi diffikultajiet dwar l-użu tas-sala, ġie trasferit għax-xahar ta' Frar. Bħas-soltu n-nies attendew bi ħġarhom, speċjalment għax dan il-bazaar ġie organizzat fl-istess ġranet tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes li jsiru fil-kappella-grotta tal-Madonna ta' Lourdes, li l-Kapuċċini għandhom biswit il-kunvent fil-Furjana. Ħafna min-nies li b'devozzjoni ġew għad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes għaddew sas-sala tal-bazaar u xtraw li kellhom bżonn.

Nixtiequ ngħidu grazzi kbira lill-membri kollha tal-GKF għall-ħidma ferm apprezzata tagħhom, li jibdew minn xhur qabel jagħżlu u jaħżnu d-donazzjonijiet li jirċievu għal dan il-bazaar. B'impenn kbir jarmaw, jitqassmu bejniethom fil-ftuħ tal-bazaar u wara jżarmaw. Grazzi lil dawk kollha li ġew u xtraw, għax b'hekk kienu ta' għajnuna kbira fil-ġabra tajba ta' somma flus li daħlet. Dan il-bazaar għas-sena 2019 spiċċa b'ikla mqarrun il-forn għall-membri kollha tal-GKF, ippreparat tajjeb minn Patri Pawl Bugeja, il-gwardjan tal-Furjana. ■

### 2. 150 SENA MIT-TWELID TAL-QADDEJ TA' ALLA FRA BASKAL FARRUGIA

L-10 ta' Frar ta' din is-sena mmarka l-150 sena mit-twelid tas-Serv ta' Alla Fra Baskal Farrugia, Kapuċċin. Għal din l-okkażjoni ġew organizzati diversi attivitajiet, biex b'hekk id-devozzjoni lejn dan ħuna tkompli tikber. Il-Ħadd, 3 ta' Frar 2019 ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja Arċipretali taż-Żebbuġ, il-knisja li fiha tgħammed u trabba dan



L-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech flimkien mal-konċelebranti fil-kripta ta' Fra Baskal



Is-Serv ta' Alla Fra Baskal Farrugia OFMCap. miż-Żebbuġ - Għawdex



Timbru tal-MaltaPost li jfakkar il-150 sena mit-twelid ta' Fra Baskal




Mument ta' talb fil-kripta fejn hemm midfun Ħuna Fra Baskal

ħuna. Wara l-quddiesa mmexxija minn Ħuna Joe Buttigieg sar ukoll it-tberik minn biċċa miċ-ċoqqa ta' Fra Baskal. Is-Sibt imbagħad saret konċelebrazzjoni fis-santwarju tagħna tal-Madonna tal-Grazzja, fir-Rabat, Għawdex, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Wara l-quddiesa sar ukoll mument żgħir ta' talb fil-kripta quddiem il-ġisem ta' dan ħuna u anke adorazzjoni ewkaristika.



Laqgħa tal-Gwardjan Fr Joe Buttigieg OFMCap mat-tfal dwar Fra Baskal Farrugia

Il-Ħadd 10 ta' Frar, jum it-twelid ta' Fra Baskal, saret quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjall Fr Effie Mallia fil-knisja tagħna. F'nofsinhar imbagħad ġiet organizzata ikla fir-raħal taż-Żebbuġ, li għaliha attendew diversi nies u anke qraba ta' dan ħuna. Kienu diversi gruppi minn parroċċi differenti li matul din il-ġimgħa żaru l-kunvent tagħna u ċċelebraw quddiesa u anke invistaw lil Fra Baskal u l-kamra tiegħu fil-kunvent. Għal din l-okkażjoni sar ukoll timbru tal-MaltaPost, 150 ritratt innumerati ta' Fra Baskal biex ifakkru l-150 sena mit-twelid tiegħu u anke santi bix-xbieha ta' dan ħuna. Jalla din id-devozzjoni lejn dan ħuna tkompli tikber u jkompli tassew iressaqna lejn Alla. ■

## 3. IRTIR FIL-FRATERNITÀ TA' SPELLO



Bejn it-18 u t-22 ta' Frar 2019 Fr Joe Buttigieg, Br Mark Scicluna u Br Roderick White għamlu l-irtir tas-sena fil-kunvent tagħna l-Kapuċċini ġewwa Spello, l-Italja, fejn hemm ukoll Ħuna Ivan Scicluna. L-aħwa fi Spello animaw il-mumenti tat-talb u tal-konferenzi tal-irtir u pprovdew ukoll l-ikel għal dawn ħutna. Fil-jiem ta' wara l-irtir dawn l-aħwa ħadu sehem fix-xogħol tad-dar f'din il-fraternità, inkluż it-tisjir, u kellhom ukoll l-opportunità li jżuru xi postijiet Franġiskani ġewwa l-belt ta' Assisi (li tinsab kwarta bogħod minn Spello), li fiha setgħu jitolbu f'dawn l-imkejjen marbutin ma' Missierna San Franġisk u ma' Santa Klara. Nitolbu biex dak li nżera' f'dawn ħutna f'dawn il-jiem iħalli kotra ta' frott fil-mixja tagħhom wara l-Mulej. ■



## 4. ŻJARA LIN-NOVIZZI MALTIN



Laqgħa man-novizzi tagħna mill-Ministru Provinċjal

Bejn l-4 u t-8 ta' Frar 2019 il-Ministru Provinċjali Fr Effie Mallia flimkien ma' Br Miguel Zammit għamlu żjara lin-novizzi tagħna Jean Paul Kennaugh u Bernard Sant, fin-novizzjat li jinsabu jagħmlu matul din is-sena ġewwa l-kunvent ta' Morano Calabro, l-Italja. Matul dawn il-jiem dawn l-aħwa kellhom iċ-ċans li jqattgħu ftit ħin flimkien u anke mal-fraternità u n-novizzi l-oħrajn. Huma wkoll preparaw waħda mill-ikliet ta' nofsinhar bi stil Malti għall-fraternità kollha. Dawn l-aħwa tagħna novizzi sejrin tajjeb ħafna u bagħtu jsellu għal kulħadd. Inkomplu nitolbu għalihom. ■

## 5. LAQGĦAT TAĊ-CENOC F'MALTA



Laqgħa tal-formators taċ-CENOC f'Malta

Matul ix-xahar ta' Frar saru żewġ laqgħat tal-konferenza CENOC, llema konferenza l-provinċja tagħna tagħmel parti minnha. Dawn il-laqgħat saru f'Malta fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat. L-ewwel laqgħa kienet għall-prefetti tal-formazzjoni, u f'isem il-provinċja tagħna ħa sehem Ħuna Miguel Zammit. Din il-laqgħa saret mit-Tnejn 18 sal-Erbgħa 20 ta' Frar 2019, u t-temi li ġew diskussi kienu dawk tan-novizzjat komuni fi ħdan iċ-CENOC u anke l-formazzjoni permanenti. It-tieni laqgħa kienet dik għall-provinċjali tal-istess konferenza, u din saret mill-Erbgħa 20 sas-Sibt 23 ta' Frar 2019. Fost is-suġġetti huma tkellmu fuq il-formazzjoni tal-bidu u dik permanenti, fuq ir-Ratio Formationis, fuq l-abbużi sesswali u anke fuq is-safe guarding. ■



Laqgħa tal-Ministri Provincjali taċ-CENOC f'Malta

## 6. OĦTNA L-MEWT IŻŻURNA



Nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2019 oħtna l-mewt żaritna darbtejn. F'dan il-jum, kmieni filgħodu, ħalla din il-ħajja Ħuna Pelaġju Bilocca fl-età ta' 86 sena. Dan ħuna kien id-Dar tal-Kleru, Birkirkara. Kollha kemm aħna konxji kemm dan Ħuna ħadem fi ħdan il-provinċja u wisq aktar fil-missjoni tal-Kenja. Il-funeral tiegħu sar il-Ħamis 14 ta' Frar fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa u tmexxa mill-Ministru Provinċjali Ħuna Effie Mallia. Fl-omelija tiegħu huwa semma kemm dan Ħuna ħadem fil-kamp vokazzjonali fil-Kenja u kien bħal strument biex jitħawwel l-Ordni tagħna fil-Kenja.

F'dan l-istess jum oħtna l-mewt żaret lil omm Ħuna Joseph Buttigieg fl-età sabiħa ta' 100 sena u 4 xhur. Hija kienet residenti fid-dar tal-Little Sisters of the Poor, il-Ħamrun.

Nitolbu għal dawn ħutna sabiex il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem u l-premju tax-xogħol li huma wettqu f'din l-art. Infakkar l-aħwa gwardjani sabiex japplikaw quddiesa għall-erwieħ ta' dawn ħutna li ħallewna. ■

## 7. FR MARTIN MICALLEF MISTIEDEN TA' UNIVERSITÀ FIL-ĠERMANJA



Fr Martin Micallef, lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, ġie mistieden bħala guest lecturer (online) mill-Università Kattolika ta' Dortmund fil-Ġermanja sabiex jagħti lezzjonijiet lill-istudenti tal-MA fil-kors ta' eseġeżi interkulturali. L-għan ta' dan il-kors hu li jikkontestwalizza t-testi bibliċi filwaqt li jikkumpara interpretazzjonijiet minn kulturi differenti fl-Ewropa, fl-Asja u l-Afrika, filwaqt li jirrifletti fuq mudelli ta' interpretazzjoni differenti. Fr Martin, li speċjalizza fuq l-Evanġelju skont San Ġwann, tkellem fuq l-anti-Semitiżmu fl-Evanġelju skont San Ġwann u s-sitwazzjoni tal-immigranti f'Malta. ■

## 8. Żjara mill-proneputija tal-pittur Ġużeppi Calì fil-Mużew tal-Kapuċċini



Il-proneputija tal-pittur famuż Malti Ġużeppi Calì, flimkien mar-raġel tagħha, għamlu żjara lill-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Is-Sinjura Gina Calì hija visual researcher fil-belt ta' Toronto, il-Kanada. Fiż-żjara tagħhom fil-mużew huma ġew milqugħin mill-Kuratur Fr Martin Micallef u l-Viċi Kuratur Br Publius Libreri, li wrewhom it-tliet pitturi famużi ta' Calì li jagħmlu parti mill-kollezzjoni ta' pitturi li jsebbħu dan il-mużew. Dawn huma l-pittura famuża ta' Fra Krispin minn Għawdex, il-pittura tal-Beatu Bernard minn Offida, Kapuċċin, u tal-Madonna tar-Rużarju ma' San Duminku u Santa Rosa.

P. Martin spjega lil Ms Gina Calì kif Ġużeppi Calì kien iz-ziju ta' P. Ewsebju Calì mill-Birgu, Kapuċċin (1876-1956), li kien ukoll provinċjal tal-patrijiet Kapuċċini. Qabel daħal patri, Patri Ewsebju Calì kien jismu Rafel, iżda l-Ordni bidillu ismu skont id-drawwa antika li llum spiċċat.

Jidher li meta l-pittur Ġużeppi Calì pitter lil Fra Krispin, huwa kien jaf lil dan il-Kapuċċin personalment minħabba n-neputi tiegħu, li għal ħafna snin kien marbut mal-kunvent tal-Furjana. Il-pittura ta' Fra Krispin li hemm fil-Mużew tal-Kapuċċini għalhekk nistgħu nissoponu li hi kopja fidila ta' dan il-Kapuċċin li miet b'fama ta' qdusija. P. Martin spjega wkoll li l-imsemmi P. Ewsebju Calì kien iz-ziju tal-artist Antonio Buhagiar (1906-1998), filwaqt li l-pittur Ġużeppi Calì kien iz-ziju t'omm Antonio Buhagiar. L-istess Patri Ewsebju Calì kien ukoll iz-ziju tal-pittur Rafel Bonnici Calì, min-naħa t'ommu Ersilia Calì, oħt P. Ewsebju. Ta' dan il-pittur insibu pitturi oħra fl-istess mużew. Kien P. Ewsebju li għammed lil Rafel Bonnici Calì u tah ismu qabel ma daħal Kapuċċin. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCAP



# SPAGETTI BIT-TEWM U L-BASAL TA' SANTA MARIA GORETTI




*Santa Maria Goretti twieldet fis-16 ta' Ottubru 1890 f'Corinaldo, provinċja ta' Ancona, l-Italja. Tfajla onesta u kienet tassew tħobb lil Alla, li mietet vittma ta' aggressur li prova jistupraha u hi baqgħet tissielet biex iżżomm is-safa tagħha sakemm ġiet maqtula. Hija patruna tal-vitmi stuprati u tfajliet adoloxxenti. Il-festa tagħha hija fis-6 ta' Lulju.*

*Dan il-platt sempliċi ta' għaġin kien l-ikel fqajjar li ta' spiss Santa Maria Goretti u l-familja tagħha u tant familji fqar oħra kienu jieklu dak iż-żmien.*

## Ingredjenti

- 400gr spagetti
- 2 basliet imdaqqsin imqattgħa żgħar
- 4 sinniet tewm imqatta' zgħir
- Żejt taż-żebbuġa
- Melħ u bżar
- Ftit ġobon tal-bżara maħkuk
- Ftit tursin frisk imqatta'



## Tisjir

1. Għalli al dente, l-ispagetti.
2. Qalli fi ftit żejt il-basla għal 5 minuti.
3. Wara itfa' t-tewm u kompli sajjar għal 10 minuti.
4. Itfa' l ispagetti fit taġen u ħallat, raxxax ftit melħ u bżar.
5. Kompli sajjar għal 2 minuti.
6. Neħħi minn fuq in-nar u servi fil-platti.
7. Ferrex ftit ħakka ġobon tal-bżar. ■

KOMPETIZZJONI

FR WISTIN ATTARD OFMCap






# AQTA' MIN - NRU 35

1. Lil min talbu biex iġib il-Ktieb tal-Liġi. (Neħ. 8, 1)
2. Dan infexx jibki. (Neħ. 8, 9)
3. Libsu l-ixkejjer u samu. (Neħ. 9, 1)
4. Ulied min kien in-nisel ta' Tobit. (Tob. 4, 12)
5. Kellu għaxar talenti fidda għand sieħbu. (Tob. 4, 20)
6. Lil min sab Tobija kif ħareġ barra. (Tob. 5, 4)
7. Kienet issum kważi l-jiem kollha. (Ġdt. 8, 6)
8. Ħalla lil martu deheb, fidda u ġid kbir. (Ġdt. 8, 7)
9. Qalgħu ċanfira mingħand Ġuditta. (Ġdt. 8, 10ss)
10. Dawn ma inkwetaw xejn, qagħdu jixorbu. (Est. 3, 15)
11. Mar jitkixxef fuq Mordekaj. (Est. 4, 5-6)
12. Issugrat ħajjitha għall-poplu tagħha. (Est. 4, 16)

# TISLIBA NRU 173



1. Huwa qassam bil-***ħafna.*** (2 Kor. 9, 9) (5)
2. U li messew dawn. (1 Ġw. 1, 1) (6)
3. U jsaffihom bħad-deheb u din. (Mal. 3, 3) (5)
4. Lil din il-***qabda*** nies ħżiena. (Num. 14, 35) (5)
5. Lil dak li..., dak hu. (Mt. 26, 48) (4)
6. Min fetaħ l-ewwel siġill. (Apk. 6, 1) (5)
7. Jien tajt din. (Neħ. 13, 19) (5)
8. Jaqaw ma kienx hemm dawn? (Eż. 14, 11) (5)
9. L-offerti minn... il-poplu. (Ġdt. 4, 14) (3)
10. Ittri għas-sinagogi ta' hawn. (Atti 9, 2) (7)
11. u 12. Ċarratt ħwejġi u dan tiegħi. (Esd. 9, 3) (6)
13. U farrku dawn u x-xbihat tiegħu. (2 Slat. 11, 18) (6)
14. U jagħmillu din. (Koħ. 8, 9) (5)
15. Fawwarni b'dan. (Lam. 3, 15) (5)
16. Is-sultan ma jibqax ħaj, ... nislu. (Dan. 11, 6) (5)
17. Is-siġar qed jitqalu b'dan. (Ġoel 2, 22) (5)
18. Saltan f'jiem ta' sliem. (Sir. 47, 13) (7)
19. Dan waħdu baqa' miegħi. (2 Tim. 4, 11) (4)
20. Minn hawn u sa minn Ewfrat. (Mik. 7, 12) (3)
21. Ma jqumx minn din tiegħu. (Ġobb 14, 12) (5)
22. Kif issejħilhom il-liġi. (Ġw. 10, 35) (5)

**Agenda**bookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #172

1. Ninfa; 2. Staqsi; 3. Xitan; 4. Vaska; 5. Abel; 6. Urina; 7. Ixtri; 8. Aħbar; 9. Fuq; 10. Askalon; 11.u 12. Jiksbu; 13. Biswit; 14. Qisek; 15. Xtaqt; 16. Bitħa; 17. Irqad; 18. Insetti; 19. Susa; 20. Sar; 21. Ersaq; 22. Ħtija.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Marzu 2019

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix xorti mit tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni NRU 43 OĠĠETTI FIL-BIBBJA (3) huwa HAYDEN DIACONO - 'Bless' - 198, Triq Kampanella - il-Fgura. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 172 huwa: NAZZARENO FARRUGIA - 141, Triq il-Karmnu - il-Fgura. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema, Paola u Sta Luċija.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052